POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 9/2009

adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Jannar 2009

bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2009/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 70 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Is-suq intern fil-qasam tal-gass naturali, li ġie implimentat progressivament fil-Komunità kollha mill-1999, għandu l-għan li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha fl-Unjoni Ewropea, kemm jekk ikunu ċittadini jew negozji, opportunitajiet ġodda ta' negozju u aktar kummerċ transkonfinali, sabiex jinkiseb titjib fl-effiċjenza, prezzijiet kompettitivi, u standards oġħla ta' servizz, u sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-fornitura u għas-sostennibbiltà.

(2) Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali ([4]) għamlet kontribut sinifikanti lejn il-ħolqien ta' tali suq intern fil-gass naturali.

(3) Il-libertajiet li t-Trattat jiggarantixxu liċ-ċittadini tal-Unjoni — il-moviment liberu tal-merkanzija, libertà li jiġu provduti servizzi, u l-libertà li wieħed jistabbilixxi ruħu — ikunu ottenibbli biss i f'suq miftuħ għal kollox, li jippermetti lill-konsumaturi kollha liberament li jagħżlu lill-provdituri tagħhom u l-provdituri tagħhom liberament jikkonsenjaw lill-klijenti tagħhom.

(4) Madankollu, bħalissa, jeżistu ostakli għall-bejgħ ta' gass taħt termini ugwali u mingħajr diskriminazzjoni jew żvantaġġi fil-Komunità. B'mod partikolari, aċċess mhux diskriminatorju għan-network, u livell ugwalment effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, għad ma jeżistux.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" enfasizzat l-importanza li jitlesta s-suq intern tal-gass naturali, kif ukoll li jinħoloq ambjent ekwu għall-kumpaniji kollha tal-gass naturali stabbiliti fil-Komunità. Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata: "Prospetti għas-suq intern tal-gass u tal-elettriku" u "Inkjesta taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-Setturi Ewropej tal-Gass u tal-Elettriku (Rapport Finali)" urewli r-regoli u l-miżuri preżenti ma jipprovdux il-qafas meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.

(6) Mingħajr is-separazzjoni effettiva tan-networks minn attivitajiet ta' produzzjoni u fornitura "separazzjoni effettiva", hemm ir-riskju inerenti ta' diskriminazzjoni mhux biss fl-operat tan-network iżda wkoll fl-inċentivi għal impriżi integrati vertikalment li jinvestu b'mod adegwat fin-networks tagħhom.

(7) Madankollu, ir-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali kif previsti fid-Direttiva 2003/55/KE ma wasslux għas-separazzjoni effettiva tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni. Għalhekk, fil-laqgħa tiegħu fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti leġislattivi għas-"separazzjoni effettiva tal-attivitajiet ta' fornitura u produzzjoni mill-operazzjonijiet tan-network".

(8) Hija biss it-tneħħija tal-inċentiv għall-impriżi integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra kompetituri fir-rigward tal-aċċess għan-network u l-investiment li tista' tiżgura separazzjoni effettiva. Is-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà, li timplika l-ħatra tal-proprjetarju tan-network bħala l-operatur tas-sistema u l-indipendenza tiegħu minn kwalunkwe interess ta' fornitura u produzzjoni, hija b'mod ċar mezz effettiv u stabbli biex jiġi solvut il-konflitt ta' interess inerenti u biex tkun żgurata s-sigurtà tal-fornitura. Għal din ir-raġuni, il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2007 dwar Prospetti għas-suq intern tal-gass u tal-elettriku rrifera għas-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà fil-livell tat-trasmissjoni bħala l-aktar għodda effettiva għall-promozzjoni tal-investimenti fl-infrastrutturi b'mod mhux diskriminatorju, l-aċċess ġust għan-network għal parteċipanti ġodda u t-trasparenza fis-suq. Taħt is-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà, l-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu meħtieġa jiżguraw li l-istess persuna jew persuni ma jkunux intitolati

([1]) ĠU C 211, 19.8.2008, p. 23.
([2]) ĠU C 172, 5.7.2008, p. 55.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' 9 ta' Jannar 2009 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.

jeżerċitaw kontroll fuq impriża tal-produzzjoni jew tal-fornitura u, fl-istess waqt, jeżerċitaw kontroll jew kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew sistema ta' trasmissjoni. Bil-kontra, il-kontroll fuq sistema ta' trasmissjoni jew operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jipprekludi l-possibbiltà li jiġi eżerċitat kontroll jew kwalunkwe dritt fuq impriża ta' produzzjoni jew tal-fornitura. F'dawk il-limiti, għandu jkun possibbli għal impriża ta' produzzjoni jew tal-fornitura li jkollha sehem minoritarju f'operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew sistema ta' trasmissjoni.

(9) Id-definizzjoni tat-terminu "kontroll" hija meħuda mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) ([1]).

(10) Billi s-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà teħtieġ, f'xi każi, ir-ristrutturar tal-impriżi, l-Istati Membri għandhom jingħataw żmien addizzjonali biex japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti. Fi-dawl tar-rabtiet vertikali bejn is-setturi tal-gass u tal-elettriku, id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni għandhom japplikaw għaż-żewġ setturi.

(11) Taħt is-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà, sabiex tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-operat tan-network mill-interessi tal-fornitura u l-produzzjoni u sabiex ma jkun hemm skambju ta' ebda informazzjoni kunfidenzjali, l-istess persuna ma għandhiex tkun membru tal-bordijiet tal-amministrazzjoni kemm ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew sistema ta' trasmissjoni kif ukoll ta' impriża li twettaq kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew fornitura. Għall-istess raġuni, l-istess persuna ma għandhiex tkun intitolata taħtar membri tal-bordijiet ta' amministrazzjoni ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew sistema ta' trasmissjoni u teżerċita kontroll jew kwalunkwe dritt fuq impriża ta' produzzjoni jew tal-fornitura.

(12) L-istabbiliment ta' operatur ta' sistema jew ta' operatur tat-trasmissjoni li jkun indipendenti mill-interessi ta' fornitura u ta' produzzjoni għandu jippermetti lill-impriżi integrati vertikalment iżommu d-dritt ta' proprjetà tagħhom tal-assi tan-network filwaqt li jiżgura separazzjoni effettiva tal-interessi, sakemm tali operatur indipendenti ta' sistema jew tali operatur indipendenti tat-trasmissjoni iwettaq il-funzjonijiet kollha ta' operatur tas-sistema u sakemm jiġu attwati regolamentazzjoni ddettaljata u mekkaniżmi ta' kontroll regolatorji estensivi.

(13) Fejn, fi (*), l-impriża li tkun proprjetarja tas-sistema ta' trasmissjoni tkun parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom għalhekk jingħataw l-għażla bejn is-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà u l-istabbiliment ta' operatur ta' sistema jew ta' operatur tat-trasmissjoni li jkun indipendenti mill-interessi ta' fornitura u ta' produzzjoni.

(14) Sabiex l-interessi tal-azzjonisti tal-impriżi integrati vertikalment jinżammu bis-sħiħ, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla li jimplimentaw separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà jew permezz ta' żvestiment dirett jew inkella billi jinqasmu l-ishma tal-impriża integrata f'ishma tal-impriża tan-network u ishma tal-impriża residwali ta' fornitura u ta' produzzjoni, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mis-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà.

(15) L-effikaċja sħiħa tas-soluzzjonijiet ta' operatur indipendenti tas-sistema jew ta' operatur indipendenti tat-trasmissjoni trid tiġi żgurata permezz ta' regoli speċifiċi addizzjonali. L-indipendenza tal-operatur tat-trasmissjoni għandha tiġi żgurata inter alia permezz ta' ċertu perijodi ta'"tregwa" ("cooling-off" periods) li matulhom, fl-Impriża Integrata Vertikalment, ma ssir l-ebda attività ta' ġestjoni jew attività relevanti oħra li tagħti aċċess għall-istess informazzjoni li setgħet inkisbet f'pożizzjoni maniġerjali.

(16) Stat Membru għandu d-dritt li jagħżel separazzjoni sħiħa tad-dritt ta' proprjetà fit-territorju tiegħu. Fejn Stat Membru jkun eżerċita dak id-dritt, impriża ma jkollhiex id-dritt li tistabbilixxi operatur indipendenti tas-sistema jew operatur indipendenti tat-trasmissjoni. Barra minn hekk, impriżi li jwettqu kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew provvista ma jistgħux jikkontrollaw jew jeżerċitaw direttament jew indirettament ebda dritt fuq operatur ta' sistema ta' trasmissjoni minn Stat Membru li għażel separazzjoni sħiħa tad-dritt ta' proprjetà.

(17) Taħt din id-Direttiva ser jeżistu tipi differenti ta' organizzazzjoni tas-suq fis-suq intern tal-gas naturali. Il-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jiżguraw livell ta' kondizzjonijiet ugwali għandhom ikunu bbażati fuq ħtiġiet prevalenti ta' interess ġenerali. Il-Kummissjoni għandha tiġi konsultata dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri mat-Trattat u mal-liġi tal-Komunità.

(18) L-implimentazzjoni ta' separazzjoni effettiva għandha tirrispetta l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat. Għal dan il-għan, l-istess persuna ma għandhiex tkun tista' teżerċita kontroll jew kwalunkwe dritt, bi ksur tar-regoli tas-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà jew tas-soluzzjoni tal-operatur indipendenti tas-sistema, waħidha jew b'mod konġunt, fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjoni tal-korpi kemm tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni jew tas-sistemi ta' trasmissjoni kif ukoll tal-impriżi tal-fornitura jew tal-produzzjoni. Fir-rigward tas-separazzjoni tad-dritt ta' proprjetà u l-alternattiva tal-operatur indipendenti tas-sistema, sakemm l-Istat Membru konċernat jista' juri li jkun qed jiġi sodisfatt ir-rekwiżit, żewġ korpi pubbliċi separati għandhom ikunu jistgħu jikkontrollaw minn naħa waħda l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' fornitura u min-naħa l-oħra l-attivitatjiet ta' trasmissjoni.

(19) Is-separazzjoni effettiva tal-attivitajiet tan-network mill-attivitajiet ta' provvista u ta' ġenerazzjoni għandha tapplika fil-Komunità kollha għall-impriżi Komunitarji kif ukoll għal dawk mhux Komunitarji. Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet tan-network u l-attivitajiet ta' fornitura u ta' produzzjoni fil-Komunità jibqgħu indipendenti minn xulxin, l-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

is-setgħa jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni lill-operaturi tas-sistema tat-trasmissjoni li ma jikkonformawx mar-regoli tas-separazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti fil-Komunità kollha ta' dawk ir-regoli, l-awtoritajiet regolatorji għandhom iqisu bi sħiħ l-opinjoni tal-Kummissjoni meta dawn tal-ewwel jieħdu deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat ukoll ir-rispett tal-obbligi internazzjonali tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha jkollha d-dritt li tagħti l-opinjoni tagħha dwar iċ-ċertifikazzjoni fir-rigward ta' propjetarju ta' sistema ta' trasmissjoni jew operatur ta' sistema ta' trasmissjoni li jkun ikkontrollat minn persuna jew persuni minn pajjiż terz jew minn pajjiżi terzi.

(20) Is-salvagwardja tal-forniment tal-enerġija huwa element essenzjali ta' sigurtà pubblika u huwa għalhekk marbut b'mod inerenti mal-funzjonament effiċjenti tas-suq intern Komunitarju tal-gass. Il-gass jista' jasal biss għand ic-ċittadini tal-Unjoni permezz tan-network. Is-swieq tal-gass li jiffunzjonaw u b'mod partikolari n-networks u assi oħra assoċjati mal-fornitura tal-gass huma essenzjali għas-sigurtà pubblika, għall-kompetittività tal-ekonomija u għall-benessri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk għandhom jiġu permessi persuni minn pajjiżi terzi sabiex jikkontrollaw sistema ta' trasmissjoni jew operatur ta' sistema ta' trasmissjoni biss jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' separazzjoni effettiva li japplikaw fil-Komunità. Minħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità, il-Komunità tikkonsidra li s-settur tas-sistema tat-trasmissjoni tal-gass huwa ta' importanza kbira għall-Komunità u għalhekk jinħtieġu salvagwardji addizzjonali fir-rigward tal-preżervazzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lill-Komunità sabiex jiġi mwarrab kull riskju lill-ordni pubblikuu lis-sigurtà pubblika fil-Komunità u lill-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Is-sigurtà tal-forniment tal-enerġija lill-Komunità teħtieġ, b'mod partikolari, valutazzjoni tal-indipendenza tal-operazzjoni tan-network, il-livell tad-dipendenza tal-Komunità u tal-Istati Membri individwali fuq il-forniment tal-enerġija minn pajjiżi terzi, u t-trattament ta' kemm il-kummerċ u l-investiment domestiku kif ukoll dak barrani fl-enerġija f'pajjiż terz partikolari.

Għalhekk is-sigurtà tal-provvista għandha tiġi vvalutata fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali ta' kull każ kif ukoll tad-drittijiet u l-obbligi li jkunu ġejjin mid-dritt internazzjonali, partikolarment il-ftehimiet internazzjonali bejn il-Komunità u l-pajjiż terz konċernat. Fejn ikun il-każ il-Kummissjoni hija mħeġġa tippreżenta rakkomandazzjonijiet biex jiġi nnegozjat ftehim relevanti ma' pajjiżi terzi li jindirizza s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lill-Komunità jew biex jiġu nkluzi l-kwistjonijiet meħtieġa f'negozjati oħra ma' dawk il-pajjiżi terzi

(21) Għandhom jittieħdu miżuri ulterjuri sabiex jiġu żgurati tariffi trasparenti u mhux diskriminatorji għall-aċċess għat-trasport. Dawn it-tariffi għandhom japplikaw għall-utenti kollha fuq bażi mhux diskriminatorja. Fejn faċilità tal-ħżin, linepack jew servizz anċillari topera f'suq li huwa biżżejjed kompetittiv, l-aċċess jista' jiġi permess a bażi ta' mekkaniżmi bbażati fuq is-suq li jkunu trasparenti u mhux diskriminatorji.

(22) Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-indipendenza ta' operaturi tas-sistemi tal-ħżin sabiex jittejjeb l-aċċess ta' partijiet terzi għall-faċilitajiet tal-ħżin li huma teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa sabiex ikunu jistgħu effiċjentement jagħtu lill-klijenti aċċess għas-sistemi. Għaldaqstant, jixraq li l-faċilitajiet tal-ħżin jitħaddmu permezz ta' entitajiet legalment separati li jkollhom drittijiet effettivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' assi meħtieġa għaż-żamma, l-operazzjoni kif ukoll l-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ħżin. Jeħtieġ ukoll li tiżdied it-trasparenza fir-rigward tal-kapaċità ta ħżin li tiġi offruta lil partijiet terzi, billi l-Istati Membri jiġu obbligati li jiddefinixxu qafas pubbliku ċar u mhux diskriminatorju, li jiddetermina r-reġim regolatorju adegwat applikabbli għall-faċilitajiet ta' ħżin.

Ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità għal informazzjoni kummerċjalment sensittiva huma partikolarment importanti fejn hija konċernata data ta' natura strateġika jew fejn hemm biss utent waħdieni għal faċilità ta' ħżin.

(23) L-aċċess non-diskriminatorju għan-network ta' distribuzzjoni jiddetermina l-aċċess downstream għall-klijenti fil-livell tal-bejgħ bl-imnut. L-ambitu għad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-aċċess u l-investiment ta' parti terza huwa madankollu anqas sinifikanti fil-livell ta' distribuzzjoni milli fil-livel ta' trasmissjoni fejn il-konġestjoni u l-influwenza tal-interessi tal-ġenerazzjoni jew tal-provvista huma ġeneralment akbar mil-livellta' distribuzzjoni. Barra minn hekk, is-separazzjoni legali u funzjonali tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, kienet rikjesta, skont id-Direttiva 2003/55/KE, biss mill-1 ta' Lulju 2007 u l-effetti tagħha fuq is-suq intern tal-gas naturali għad iridu jiġu evalwati. Ir-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali li bħalissa huma fis-seħħ jistgħu jwasslu għal separazzjoni effettiva sakemm dawn jiġu definiti b'mod aktar ċar, implimentati sewwa u sorveljati mill-qrib. Sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ugwali fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-attivitajiet ta' operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom għalhekk ikunu sorveljati sabiex dawn ma jitħallewx japprofittaw ruħhom mill-integrazzjoni vertikali tagħhom fir-rigward tal-pożizzjoni kompettitiva tagħhom fis-suq, partikolarment fir-rigward ta' klijenti żgħar domestiċi u mhux domestiċi

(24) Sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż finanzjarju u amministrattiv fuq operaturi żgħar tad-distribuzzjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, fejn meħtieġ, li jeżentaw dawn il-kumpaniji mir-rekwiżiti legali tal-unbundling tad-distribuzzjoni.

(25) Id-Direttiva 2003/55/KE introduċiet rekwiżit għall-Istati Membri li jistabbilixxu regolaturi b'kompetenzi speċifiċi. Madankollu, l-esperjenza turi li l-effettività tar-regolamentazzjoni ħafna drabi tkun limitata bin-nuqqas ta' indipendenza ta' regolaturi mill-gvern, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' setgħat u diskrezzjoni. Għal din ir-raġuni, fil-laqgħa tiegħu fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposti leġislattivi li jipprovdu għal aktar armonizzazzjoni tas-setgħat u t-tisħiħ tal-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali tal-enerġija. Għandu jkun possibbli li dawn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkopru kemm is-settur tal-elettriku kif ukoll dak tal-gass.

(26) Sabiex is-suq intern tal-gass naturali jiffunzjona tajjeb, jeħtieġ li r-regolaturi tal-enerġija jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fuq il-kwistjonijiet regolatorji relevanti kollha, u li jkunu indipendenti għal kollox minn kwalunkwe interess pubbliku jew privat. Dan ma jipprekludix la r-reviżjoni ġudizzjarja u lanqas is-superviżjoni parlamentari taħt il-liġi kostituzzjonali tal-Istati Membri. Addizzjonalment, l-approvazzjoni tal-baġit tar-regolatur mil-leġislatur nazzjonali ma tikkostitwixxix ostakolu għall-awtonomija baġitarja.

(27) Sabiex jiġi aċċertat aċċess effettiv għas-suq għall-partijiet kollha fis-suq inklużi partijiet ġodda, huma meħtieġa mekkaniżmi mhux diskriminatorji u li jibbilanċjaw l-ispejjeż. Dan għandu jintlaħaq permezz tat-twaqqif ta' mekkaniżmi trasparenti bażati fuq is-suq għall-fornitura u x-xiri tal-gass meħtieġ fil-qafas tar-rekwiżiti tal-bilanċjar. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom irwol attiv biex jaċċertaw illi t-tariffi li jibbilanċjaw mhumiex diskriminatorji u jirriflettu l-ispejjeż. Fl-istess ħin, għandu jkun hemm inċentivi xieraq biex jiġu bbilanċjati d-dħul u l-ħruġ tal-gass u sabiex is-sistema ma titqegħidx fil-periklu.

(28) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jiffissaw jew japprovaw it-tariffi, jew il-metodoloġiji taħt il-kalkolu tat-tariffi, a bażi ta' proposta mill-operatur tas-sistema tat-trasmissjoni jew mill-operatur(i) tas-sistema tad-distribuzzjoni jew mill-operatur tas-sistema tal-gass naturali likwefatt (LNG), jew a bażi ta' proposta miftiehma bejn dak/dawk l-operatur(i) u l-utenti tan-networks. Fit-twettiq ta' dawk il-kompiti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li t-tariffi tat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni jkunu non-diskriminatorju u jirriflettu tassew in-nefqa, u għandhom jikkunsidraw l-ispejjeż tan-network li jkunu għal tul ta' żmien, marġinali u evitati, liema spejjeż ikunu ġejjin minn miżuri ta' amministrazzjoni li tkun tistmola d-domanda b'inċentivi u taxxi baxxi.

(29) Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom ikollhom is-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet obbligatorji fir-rigward tal-impriżi tal-gas naturali u li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq l-impriżi tal-gas naturali li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom, jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi dawn il-penali fuq dawk l-impriżi. Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom jingħataw ukoll is-setgħat biex jiddeċiedu, irrispettivament mill-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, dwar miżuri adatti li jippromowovu l-kompetizzjoni effettiva meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass naturali. L-istabbiliment ta' programm ta' rilaxx tal-gass hija waħda mill-miżuri possibbli li tista' tiġi wżata għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tas-suq. Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom jingħataw ukoll is-setgħat li jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' standards għoljin ta' servizz universali u pubbliku konformement mal-ftuħ tas-suq, il-protezzjoni ta' klijenti vulnerabbli, u li l-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur ikunu kompletament effettivi. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju kemm għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni inkluż l-eżami ta' mergers b'dimensjoni Komunitarja, kif ukoll għar-regoli dwar is-suq intern bħall-moviment liberu tal-kapital.

Il-korp indipendenti li lilu għandha d-dritt tappella parti li tintlaqat minn deċiżjoni ta' regolatur nazzjonali, jista' jkun qorti jew tribunal ieħor li jkollhom is-setgħa jwettqu reviżjoni ġudizzjarja.

(30) Investimenti f'infrastrutturi kbar ġodda għandhom jiġu promossi bil-qawwa, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-gass naturali. Sabiex jittejjeb l-effett pożittiv ta' proġetti eżentati tal-infrastruttura fuq il-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-fornitura, għandu jiġi ttestjat l-interess fis-suq matul il-faži ta' ppjanar tal-proġett, u għandhom jiġu implimentati regoli għall-ġestjoni tal-konġestjoni. Meta infrastruttura tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija stabbilita mir-Regolament (KE) Nru …/2009 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ("l-Aġenzija") għandha, bħala l-aħħar tentattiv, tieħu ħsieb it-talba għall-eżenzjoni sabiex tqis aħjar l-implikazzjonijiet transkonfinali tagħha u sabiex tiffaċilità t-trattament amministrattiv tagħha. Barra minn hekk, minħabba l-profil ta' riskju eċċezzjonali fil-bini ta' dawn il-proġetti kbar ta' infrastruttura eżenti, għandu jkun possibbli li tingħata deroga parzjali għall-impriżi b'interessi fil-fornitura u l-produzzjoni fir-rigward tar-regoli tas-separazzjoni għall-proġetti konċernati. Dan għandu japplika b'mod partikolari, minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-fornitura, għal pipelines ġodda fil-Komunità li jittrasportaw il-gass minn pajjiżi terzi sa ġewwa l-Komunità.

(31) Is-suq intern tal-gass naturali qed ibati minn nuqqas ta' likwidità u trasparenza li jxekkel l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, il-kopertura tar-riskju tal-kreditu u d-dħul ta' parteċipanti ġodda. Il-fiduċja fis-suq, il-likwidità tiegħu u l-għadd ta' parteċipanti fis-suq jeħtieġ li jiżdiedu, u għalhekk jeħtieġ li tiżdied is-sorveljanza regolatorja fuq impriżi attivi fil-forniment tal-gass. Tali ħtiġiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal, u kompatibbli mal-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti dwar is-swieq finanzjarji. Jeħtieġ li r-regolaturi tal-enerġija u r-regolaturi tas-swieq finanzjarji jikkoperaw sabiex jgħinu lil xulxin ikollhom idea ġenerali tas-swieq konċernati.

(32) Qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' linji gwida li jiddefinixxu aktar ir-rekwiżiti għaż-żamma tar-reġistri, l-Aġenzija u l-Kumitat tar-Regolaturi ta' Titoli Ewropej "CESR" għandhom jikkoperaw u jagħtu parir lill-Kummissjoni dwar il-kontenut tal-linji gwida. L-Aġenzija u s-"CESR" għandhom jikkoperaw ukoll biex jinvestigaw aktar fil-fond u jagħtu parir dwar il-kwistjoni ta' jekk it-transazzjonijiet fil-kuntratti tal-fornitura tal-gass u d-derivattivi tal-gass għandhomx ikunu suġġetti għal ħtiġiet ta' trasparenza ta' qabel u/jew ta' wara n-negozju u jekk iva, x'għandu jkun il-kontenut ta' dawk ir-rekwiżiti.

(33) Fl-interess tas-sigurtà tal-fornitura, il-bilanċ bejn il-fornitura u t-talbiet fl-Istati Membri individwi għandu jiġi ssorveljat, u s-sorveljanza għanda tiġi segwita minn rapport dwar is-sitwazzjoni fuq livell Komunitarju, b'kont meħud

([1]) ĠU L …

għall-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn iż-żoni. Din is-sorveljanza għandha titwettaq kmieni biżżejjed biex jistgħu jittieħdu l-miżuri adegwati jekk is-sigurtà tal-fornitura tiġi kompromessa. Il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tan-network meħtieġa, inkluża l-kapaċità tal-interkonnessjoni, għandhom jikkontribwixxu għall-aċċertament ta' fornitura stabbli tal-gass.

(34) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti ta' kwalità meħtieġa, il-biogass u gass mill-biomassi jew tipi oħrajn ta' gass jingħataw aċċess mhux diskriminatorju għas-sistema tal-gass, kemm-il darba dan l-aċċess huwa permanentament kompatibbli mar-regoli tekniċi relevanti u l-istandards tas-sigurtà. Dawk ir-regoli u l-istandards għandhom jaċċertaw li dawn il-gassijiet jistgħu b'mod tekniku u sikur jiġu injettati u ttrasportati fis-sistema tal-gass naturali u għandhom jindirizzaw ukoll il-karatteristiċi kimiċi tagħhom

(35) Il-kuntratti fit-tul jibqgħu parti importanti mill-fornitura tal-gass tal-Istati Membri u għandhom jinżammu bħala għażla għall-impriżi tal-fornitura tal-gass sa fejn ma jfixklux l-għanijiet ta' din id-Direttiva u huma kompatibbli mat-Trattat, inklużi r-regoli tal-kompetizzjoni. Huwa għalhekk meħtieġ li jitqiesu fl-ippjanar tal-kapaċità tal-fornitura u tat-trasport tal-impriżi tal-gass. Huwa għalhekk meħtieġ li l-kuntratti fil-tul jitqiesu fl-ippjanar tal-kapaċità tal-fornitura u tat-trasport tal-impriżi tal-gass naturali.

(36) Sabiex tiġi aċċertata ż-żamma ta' standards għoljin tas-servizz pubbliku fil-Komunità, il-miżuri kollha meħudin mill-Istati Membri biex jiksbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom jiġu notifikati b'mod regolari lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha b'mod regolari tippubblika rapport li janalizza l-miżuri meħudin fuq livell nazzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet tas-servizz pubbliku u bi tqabbil tal-effettività tagħhom, b' għan li jsiru rakkomandazzjonijiet rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq livell nazzjonali sabiex jintlaħqu standards għoljin fis-servizz pubbliku.

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li meta jiġu konnessi mas-sistema tal-gass, il-klijenti huma infurmati dwar id-drittijiet tagħhom li jiġu forniti b'gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġonevoli. Miżuri meħudin mill-Istati Membri biex jipproteġu lill-klijent finali jistgħu jkunu differenti skont jekk ikunux immirati lejn klijenti domestiċi jew lejn l-intrapiżi żgħar u medji.

(37) Ir-rispett tar-rekwiziti tas-servizz pubbliku huwa rekwiżit fundamentali ta' din id-Direttiva u huwa important li jiġu speċifikati hawn l-istandards komuni, rispettati mill-Istati Membri kollha, li jqisu l-għanijiet tal-ħarsiet tal-konsumatur, sigurtà tal-fornitura, protezzjoni tal-ambjent u livelli ta' kompetizzjoni ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. Huwa importanti li l-kriterji tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jiġu interpretati fuq bażi nazzjonali, waqt li jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi nazzjonali u suġġett għar-rispett lejn il-liġi tal-Komunità.

(38) Miżuri implimentati mill-Istati Membri biex jiksbu l-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika u soċjali jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-provvediment ta' inċentivi ekonomiċi adegwati, bl-użu, fejn xieraq, tal-għodda kollha eżistenti nazzjonali u Komunitarji. Dawn l-għodda jistgħu jinkludu mekkaniżmi ta' responsabbiltà sabiex l-investiment neċessarju jiġi ggarantit.

(39) Sa liema livell li għalih il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jaderixxu l-obbligi tas-servizz pubbliku jkunu jiffurmaw għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, hemm obbligu taħt l-Artikolu 88(3) tat-Trattat li dawn jinnotifikawhom lill-Kummissjoni.

(40) Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku u l-istandards minimi komuni li jitnisslu minnhom jeħtieġ li jissaħħu aktar biex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-kompetizzjoni. Aspett prinċipali fil-fornitura lill-klijenti huwa l-aċċess għad-data dwar il-konsum, u l-konsumaturi għandhom ikollhom aċċess għad-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jistiednu lill-kompetituri biex jagħmlu offerta bbażata fuq din id-data. Il-konsumaturi għandhom ikollhom ukoll id-dritt li jiġu infurmati sewwa dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom. L-informazzjoni dwar l-ispejjeż għall-enerġija li tingħata regolarment ser toħloq inċentivi għat-tfaddil fl-enerġija għaliex tagħti lura lill-klijenti reazzjoni (feedback) diretta dwar l-effetti tal-investiment fl-użu effiċjenti tal-enerġija u fil-bidla fid-drawwiet.

(41) Sabiex jingħata kontribut lejn is-sigurtà tal-fornitura filwaqt li jinżamm spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, notevolment fil-każ ta' kriżi ta' fornitura tal-enerġija, huwa importanti li jkun hemm qafas għal koperazzjoni reġjonali fi spirtu ta' solidarjetà. Din il-koperazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà tista' tiġi sostnuta, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, primarjament permezz ta' mekkaniżmi bbażati fuq is-suq.

(42) Fid-dawl tal-ħolqien ta' suq intern fil-gass naturali, l-Istati Membri għandhom irawmu l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali tagħhom u l-koperazzjoni tal-operaturi tas-sistema fil-livell Kommunitarju u dak reġjonali.

(43) L-awtoritajiet regolatorji għandhom ukoll jipprovdu informazzjoni dwar is-suq sabiex jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita r-rwol tagħha li tosserva u tissorvelja s-suq Ewropew tal-gass naturali u l-evoluzzjoni tiegħu fil-perijodu qasir, medju u fit-tul, inklużi aspetti bħall-fornitura u d-domanda, l-infrastrutturi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni, il-kummerċ transkonfinali, l-investimenti, il-prezzijiet bl-ingrossa u dawk għall-konsumatur, il-likwidità tas-suq, u it-titjib ambjentali u dak fl-effiċjenza.

(44) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ħolqien ta' suq intern tal-gass naturali totalment operattiv, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(45) Taħt ir-Regolament (KE) Nru …/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trasmissjoni tal-gass naturali [1] il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida biex tikseb il-grad ta' armonizzazzjoni meħtieġ. Dawn il-linji gwida, li jikkostitwixxu miżuri obbligatorji ta' implimentazzjoni, huma, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva wkoll, għodda siewja li tista' tiġi adattata malajr fejn meħtieġ.

(46) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [2].

(47) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-linji gwida meħtieġa għall-provvediment tal-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jinkiseb l-għan ta' din id-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi li m'humiex essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha b'elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(48) Konformement mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet [3], l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex jistabbilixxu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li juru, kemm jista' jkun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

(49) Minħabba l-ambitu tal-emendi li qegħdin isiru fid-Direttiva 2003/55/KE b' dan, huwa kunsiljabbli, għal raġunijiet ta' ċarezza u razzjonalizzazzjoni, li d-dispożizzjonijiet kunsidrati jiġu mfassla mill-ġdid billi jinġabru kollha f' test wieħed f' Direttiva ġdida

(50) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett u Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni għat-trasmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u ħażna ta' gass naturali. Hija tippreskrivi r-regoli marbuta mal-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-settur tal-gass naturali, l-aċċess għas-suq, il-kriterji u l-proċeduri applikabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għat-trasmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-ħżin ta' gass naturali u l-operazzjoni tas-sistemi.

2. Ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva għall-gass naturali, inkluż il-gass naturali likwifikat (LNG), għandhom japplikaw ukoll għall-biogass u gass minn biomassi jew tipi oħrajn ta' gass sa fejn dawn il-gassijiet jistgħu teknikament u b'mod sikur jiġu injettati fi, u trasportati mis-sistema tal-gass naturali.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw d-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "impriża tal-gass naturali" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali li twettaq għall-inqas waħda mill-funzjonijiet li ġejjin: roduzzjoni, trasmissjoni, distribuzzjoni, fornitura, xiri jew ħżin tal-gass naturali, inkluż LNG, li hija responsabbli għall-kompiti kummerċjali, tekniċi u/jew tal-manutenzjoni relatati għal dawk il-funzjonijiet, iżda m'għandhomx jinkludu l-klijenti finali;

2. "upstream pipeline networks" tfisser kwalunkwe pipeline jew network ta' pipelines imħaddma u/jew mibnija bħala parti minn proġett tal-prodzzjoni taż-żejt jew tal-gass, jew użata biex jinġarr il-gass naturali minn proġett wieħed jew aktar għal pjanta tal-ipproċessar jew terminali jew destinazzjoni kostali finali;

3. "trasmissjoni" tfisser it-trasport tal-gass naturali minn pipeline network ta' pressa għolja li mhix upstream pipeline network bi skop li jiġi konsenjat lill-klijent, iżda li ma jinkludix il-fornitura;

4. "operatur tas-sistema ta' trasmissjoni" tfisser il-persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tat-trasmissjoni u li hija responsabbli għall-operazzjoni, bl-aċċertazzjoni tal-manutenzjoni ta', u fejn meħtieġ, tal-iżvilupp tas-sistema ta' trasmissjoni f'żona definita u, fejn japplika, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħrajn, u li tiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema li tilħaq talbiet raġonevoli għat-trasportazzjoni tal-gass;

5. "distribuzzjoni" tfisser it-trasport tal-gass naturali minn pipeline networks lokali jew reġjonali bi skop tal-konsenja tiegħu lill-klijent, iżda li ma tinkludix il-fornitura;

6. "operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" tfisser il-persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tad-distribuzzjoni u li hija responsabbli għall-operat, bl-aċċertazzjoni tal-manutenzjoni, u fejn meħtieġ, tal-iżvilupp tas-sistema ta' trasmissjoni f'żona definita u, fejn japplika, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħrajn, u li tiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema li tilħaq talbiet raġonevoli għat-trasportazzjoni tal-gass;

7. "fornitura" tfisser il-bejgħ, inkluż il-bejgħ mill-ġdid, tal-gass naturali, inkluż LNG, lill-klijenti;

8. "impriża tal-fornitura" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tal-fornitura;

9. "faċilità tal-ħżin" tfisser faċilità użata għall-ħżin tal-gass naturali u proprjetà ta' u/jew operata minn impriża tal-gass naturali, inkluża l-parti tal-faċilitajiet tal-LNG użati għall-ħżin iżda eskluż is-sehem użat għall-produzzjoni, u eskluż il-faċilitajiet riservati esklussivament għall-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

[1] ĠU L …
[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[3] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

10. "operatur tas-sistema tal-ħżin" tfisser il-persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tal-ħżin u li hija responsabbli għall-operazzjoni ta' faċilita' tal-ħżin;

11. "faċilità tal-LNG" tfisser terminali li tintuża għal-likwifikazzjoni tal-gass naturali jew l-importazzjoni, ħatt u gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG, u għandha tinkludi servizzi anċillari u ħażna temporanja meħtieġa għall-proċess tal-gassifikazzjoni mill-ġdid u l-konsenja sussegwenti sas-sistema ta' trasmissjoni, iżda m'għandha tinkludi ebda parti minn terminali ta' LNG użati għall-ħżin;

12. "operatur tas-sistema tal-LNG" tfisser persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tal-likwifikazzjoni tal-gass naturali, jew l-importazzjoni, ħatt u gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG u li hija responsabbli li topera faċilità tal-LNG;

13. "sistema" tfisser networks tat-trasmissjoni, networks tad-distribuzzjoni, faċilitajiet tal-LNG u/jew faċilitajiet tal-ħżin proprjetà ta' jew imħaddma minn impriża tal-gass naturali, inkluż linepack u l-faċilitajiet tal-fornitura ta' servizzi anċillari u dawk ta' impriżi relatati meħtieġa biex jingħata aċċess għat-trasmissjoni, distribuzzjoni u LNG;

14. "servizzi anċillari" tfisser is-servizzi kollha meħtieġa għall-aċċess lil u operazzjoni tan-newtorks tat-trasmissjoni u/jew distribuzzjoni u/jew faċilitajiet tal-LNG u/jew faċilitajiet tal-ħżin inklużi bilanċjar u taħlit tat-tagħbijiet, iżda eskluży faċilitajiet riservati esklussivament għal operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni li jwettqu l-funzonijiet tagħhom;

15. "linepack" tfisser il-ħżin tal-gass bil-kompressjoni fis-sistemi ta' trasmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass, iżda eskluži l-faċilitajiet riservati għall-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom;

16. "sistema interkonnessa" tfisser numru ta' sistemi li huma konnessi ma' xulxin;

17. "interkonnettur" tfisser linja tat-trasmissjoni li taqsam jew li hi mxerrda fuq fruntiera bejn Stati Membri għall-uniku skop li tikkonnetti s-sistemi ta' trasmissjoni nazzjonali ta' dawn l-Istati Membri;

18. "linja diretta" tfisser pipeline tal-gass naturali li hija komplimentarja mas-sistema interkonnessa;

19. "impriża integrata tal-gass naturali integrata" tfisser impriża integrata vertikalment jew orizzontalment;

20. "impriża integrata vertikalment" tfisser impriża tal-gass naturali jew grupp ta' impriżi tal-gass naturali fejn l-istess persuna jew l-istess persuni huma intitolati, direttament jew indirettament, li jeżerċitaw kontroll, u fejn l-impriża jew il-grupp ta' impriżi jwettqu tal-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni, LNG jew ħżin, u mill-inqas waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew il-provvista tal-gass;

21. "impriża integrata orizzontalment" tfisser impriża li twettaq għall-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni, trasmissjoni, distribuzzjoni, fornitura jew ħżin tal-gass naturali, u attivita' mhux relatata mal-gass;

22. "impriżi relatati" tfisser impriżi affiljati, fis-sens tal-Artikolu 41 tas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 abbażi tal-Artikolu 44(2)(g) (*) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati ([1]), u/jew impriżi assoċjati, fis-sens tal-Artikolu 33(1) ta' dik id-Direttiva, u/jew impriżi tal-istess azzjonisti;

23. "utenti tas-sistema" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali li qed tfornixxi jew li qed tiġi fornita mis-sistema;

24. "klijenti" tfisser klijenti bl-ingross u finali tal-gass naturali u impriżi tal-gass naturali li jixtru l-gass naturali;

25. "klijenti tad-dar" tfisser klijenti li jixtru l-gass naturali għall-konsum proprju fid-dar;

26. "klijenti mhux tad-dar" tfisser klijenti li jixtru l-gass naturali li mhuwiex għall-użu proprju fid-dar;

27. "klijenti finali" tfisser klijenti li jixtru l-gass naturali għall-konsum proprju;

28. "klijenti eliġibbli" tfisser klijenti li huma liberi li jixtru l-gass mill-provditur tal-għażla tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 36;

29. "klijenti bl-ingross" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali minbarra l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni li jixtru l-gass naturali għall-iskop ta' bejgħ mill-ġdid fis-sistema jew barra mis-sistema fejn huma stabbiliti;

30. "ippjanar fit-tul" tfisser ippjanar tal-kapaċità tal-fornitura u tat-trasport tal-impriża tal-gass naturali għal terminu twil bi skop li jintlaħqu t-talbiet għall-gass naturali tas-sistema, diversifikazzjoni tal-għejun u l-aċċertar tal-provvisti lill-klijent;

31. "suq emerġenti" tfisser Stat Membru li fih l-ewwel fornitura kummerċjali tal-ewwel kuntratt tal-fornitura tal-gass naturali tiegħu sar mhux aktar minn 10 snin ilu;

32. "sigurtà" tfisser kemm is-sigurtà tal-fornitura tal-gass naturali kif ukoll sigurtà teknika;

33. "infrastruttura gdida" tfisser infrastruttura mhux lesta mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

34. "kuntratt għal forniment tal-gass" tfisser kuntratt għall-forniment tal-gass naturali, iżda ma tinkludix derivattiva tal-gass;

35. "derivattiva tal-gass" tfisser strument finanzjarju speċifikat fil-punti 5, 6, jew 7 fit-Taqsima C tal-Anness I mad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq fi strumenti finanzjarji ([2]), fejn dak l-istrument għandu x'jaqsam ma' gass naturali;

36. "kontroll" tfisser kwalunkwe drittijiet, kuntratti jew kwalunkwe mezzi oħra li, sew separatament jew flimkien, u filwaqt li jitqiesu l-fatti u l-liġijiet involuti, jagħtu l-possibbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq impriża, b'mod partikolari permezz ta':

    (a) il-proprjetà jew id-dritt li jintużaw l-assi kollha ta' impriża, jew parti minnhom;

(*) It-titolu tad-Direttiva 83/349/KEE ġie aġġustat biex jitqiegħed kont tar-rinumerazzjoni tal-Artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunita' Ewropea taħt l-Artikolu 12 tat-Trattat ta' Amsterdam; ir-referenza oriġinali kienet għall-Artikolu 54(3)(g).

([1]) ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.

([2]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

(b) drittijiet jew kuntratti li jikkonferixxu influwenza deċiżiva fuq il-komposizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-organi ta' impriża.

KAPITOLU II

Regoli ġenerali għall-organizzazzjoni tas-settur

Artikolu 3

Obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-klijenti

1. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw, abbażi tal-organizzazzjoni istituzzjonali tagħhom u b'kont meħud tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, impriżi tal-gass naturali jigu operati konformement mal-principji ta' din id-Direttiva bi skop li jinkiseb suq tal-gass naturali li jkun kompetittiv, sikur u ambjentalment sostenibbli, u m'għandhomx jiddiskriminaw bejn dawn l-impriżi rigward id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

2. Tenut kont sħiħ tad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi operaturi fis-settur tal-gass, fl-interess ekonomiku generali, obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku, li jistgħu jirrelataw għas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-fornitura, regolarità, kwalità u prezz tal-provvisti, u l-protezzjoni tal-ambjent, li jinkludi l-effiċjenza tal-enerġija u protezzjoni tal-klima. Obbligi bħal dawn għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu l-ugwaljanza tal-aċċess lill-kumpaniji tal-gass tal-Kommunita' għall-konsumaturi nazzjonali. Fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda u għall-ksib tal-għanijiet ambjentali, kif imsemmi f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-implimentazzjoni ta' ppjanar għall-perijodu fit-tul, b'kont meħud tal-possibbiltà li terzi persuni jitolbu aċċess għas-sistema.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adegwati biex iħarsu l-klijenti finali u jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u għandhom, b'mod partikolari, jaċċertaw illi hemm salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri adegwati biex jgħinuhom jevitaw id-diskonnessjoni. F'dan il-kuntest jistgħu jieħdu l-passi adegwati biex iħarsu l-klijenti f'żoni remoti li huma mqabbda mas-sistema tal-gass. L-Istati Membri jistgħu jaħtru provditur tal-aħħar riżort għall-klijenti mqabbdin man-networks tal-gass. Għandhom jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari rigward trasparenza rigward it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali tal-appalti, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni ta' disputi. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijent eligibbli effettivament jista' jaqleb għal forniturġdid. Rigward klijenti tad-dar, dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness I.

4. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri adegwati biex jiksbu l-għanijiet tal-koeżjoni soċjali u ekonomika u, il-protezzjoni tal-ambjent, li tista' tinkludi mezzi biex jiġi megħlub tibdil fil-klima, u s-sigurtà tal-fornitura. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-forniment ta' inċentivi ekonomiċi adegwati, bl-użu, meta jkun xieraq, tal-għodod nazzjonali u Komunitarji eżistenti kollha, għall-manutenzjoni u l-bini tal-infrastruttura meħtieġa ta' networks, inkluża l-kapaċità ta' interkonnessjoni.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 rigward id-distribuzzjoni sa fejn l-applikazzjoni tagħhom ixxekkel, fil-liġi jew fil-fatt, il-prestazzjoni tal-obbligazzjonijiet imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali fl-interess ekonomiku ġenerali u sa fejn l-iżvilupp tal-kummerċ ma jiġix affettwat sal-punt li jkun kuntrarju għall-interessi tal-Komunità. L-interessi tal-Komunità jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetizzjoni rigward il-klijenti eligibbli taħt din id-Direttiva u l-Artikolu 86 tat-Trattat.

6. L-Istati Membri għandhom, mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kollha adottati biex iwettqu l-obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku, inklużi l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent, u l-effett possibbli tagħhom fuq il-kompetizzjoni nazzjonali u internazzjonali, kemm jekk dawn il-miżuri jeħtieġu deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew le. Għandhom javżaw lill-Kummissjoni sussegwentament kull sentejn dwar kwalunkwe tibdil għal dawn il-miżuri, kemm jekk jeħtieġu deroga minn din id-Direttiva jew le.

Artikolu 4

Proċedura għall-awtorizzazzjoni

1. F'ċirkostanzi fejn awtorizzazzjoni (eż., liċenzja, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni) tkun meħtieġa għall-kostruzzjoni jew operazzjoni ta' faċilitajiet tal-gass naturali, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li jinnominaw għandhom jagħtu awtorizzazzjonijiet li jinbnew u/jew jiġu operati tali faċilitajiet, pipelines u tagħmir assoċjat, konformement mal-paragrafi 2 sa 4. L-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li jinnominaw jistgħu wkoll jagħtu awtorizzazzjonijiet fuq l-istess bażi għall-provvista tal-gass naturali u għall-klijenti bl-ingrossa.

2. Fejn l-Istati Membri għandhom sistema ta' awtorizzazzjoni, għandhom jistabbilixxu kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li għandhom jintlaħqu minn impriża li tapplika għal awtorizzazzjoni biex tibni u/jew topera faċilitajiet tal-gass naturali jew li tapplika għal awtorizzazzjoni biex tipprovdi l-gass naturali. Il-kriterji u l-proċeduri mhux diskriminatorji għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu pubbliċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-raġunijiet għal kull ċaħda ta' għotja ta' xi awtorizzazzjoni huma oġġettivi u non-diskriminatorji u li jingħataw lill-applikant. Ir-raġunijiet għal ċaħdiet bħal dawn għandhom jintbagħtu fil-pront lill-Kummissjoni bħala informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura li tippermetti lill-applikant li jappella fuq ċaħdiet bħal dawk.

4. Għall-iżvilupp ta' żoni ġodda tal-provvista u operat effiċjenti ġeneralment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 37, l-Istati Membri jistgħu jiċħdu li jagħtu aktar awtorizzazzjonijiet għall-bini u l-operazzjoni ta' sistemi tad-distribuzzjoni tal-pipeline f'żona partikolari ladarba tali sistemi tal-pipeline inbnew jew ġew proposti li jinbnew f'dik iż-żona u jekk il-kapaċità eżistenti jew proposta ma ġietx eżawrita.

Artikolu 5

Sorveljanza tas-sigurtà tal-provvista

L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sorveljanza ta' kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista. Fejn l-Istati Membri jqisu li huwa xieraq, jistgħu jiddelegaw dak il-kompitu lill-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 44(1). Tali sorveljanza għandha, b'mod partikolari, tkopri l-bilanċ bejn il-fornitura u t-talbiet fis-suq nazzjonali, il-livell ta' talbiet futur mistennija u provvisti li jkunu disponibbli, bil-kapaċità addizzjonali maħsuba ppjanata jew taħt kostruzzjoni, u l-kwalità u l-livell tal-manutenzjoni tan-networks, kif ukoll miżuri biex jiġi kopert żmien ta' talbiet kbar ħafna u biex jiġu koperti nuqqasijiet ta' provditur wieħed jew aktar. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw, sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, rapport li jiddeskrivi fil-qosor is-sejbiet li jirriżultaw mis-sorveljanza ta' dawn il-kwistjonijiet, kif ukoll kwalunkwe miżuri li ttieħdu jew maħsuba li jindirizzawhom u għandhom jibagħtu dan ir-rapport lill-Kummissjoni minnufih.

Artikolu 6

Solidarjetà reġjonali

1. Sabiex tiġi ssalvagwardata provvista sikura fis-suq intern tal-gass naturali, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw sabiex jippromwovu s-solidarjetà reġjonali u bilaterali

2. Tali koperazzjoni għandha tkopri sitwazzjonijiet li jirriżultaw fi, jew li x'aktarx jirriżultaw, f'perijodu qasir ta' żmien,fi xkiel serju għall-provvista b'effett fuq l-Istat Membru. Din għandha tinkludi:

(a) koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' emerġenza imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE tas-26 ta' April 2004 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista ta' gas naturali ([1]);

(b) identifikazzjoni u, fejn meħtieġ, żvilupp jew tiġdid ta' interkonnessjonijiet ta' elettriku u ta' gass naturali; u

(c) kondizzjonijiet u modalitajiet prattiċi għall-assistenza reċiproka.

3. Il-Kummissjoni għandha tinżamm informata dwar tali koperazzjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-koperazzjoni reġjonali fi spirtu ta' solidarjetà. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adotatti konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 50(3).

Artikolu 7

Promozzjoni ta' koperazzjoni reġjonali

1. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw bejniethom bil-għan li jintegraw is-swieq nazzjonali tagħhom għall-inqas fuq livell reġjonali. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-koperazzjoni tal-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni fil-livell reġjonali, u jrawmu l-konsistenza tal-qafas legali u regolatorju tagħhom. Iż-żoni ġeografiċi koperti minn din il-koperazzjonijiet reġjonali għandhom jinkludu l-koperazzjoni fiż-żoni ġeografiċi definiti taħt l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru …/2009. Din il-koperazzjoni tista' tkopri żoni ġeografiċi oħra.

([1]) ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom sistema/i integrata/i waħda jew aktar fil-livell reġjonali li tkopri żewġ Stati Membri jew aktar għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-kontroll tas-sigurtà tan-network.

3. F'każ li operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni integrata vertikalment jieħdu sehem f'impriża konġunta stabbilita għall-implimentazzjoni tal-koperazzjoni, l-impriża konġunta għandha tistabbilixxi u timplimenta programm ta' konformità li jistabbilixxi miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi aċċertat li kull aġir diskriminatorju u li jmur kontra l-kompetizzjoni jiġi eskluż. Dak il-programm ta' konformita' għandu jistabbilixxi l-obbligazzjonijiet speċifiċi tal-impjegati li jilħqu l-għan li jiġi eskluż l-aġir diskriminatorju u li jmur kontra l-kompetizzjoni … Huwa għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni mill-Aġenzija. Il-konformità mal-programm għandha tiġi ssorveljata indipendentement minn uffiċjali għall-konformità tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni integrata vertikalment.

Artikolu 8

Regoli tekniċi

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw illi l-kriterji tas-sigurtà teknika jiġu definiti u li r-regoli tekniċi li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi tad-dizinn tekniku u operattiv għat-tqabbid mas-sistema tal-faċilitajiet tal-LNG, faċilitajiet tal-ħżin, sistemi oħrajn tat-trasmissjoni jew tad-distribuzzjoni, u linji diretti, jiġu żviluppati u ppubblikati. Dawn ir-regoli tekniċi għandhom jaċċertaw l-interoperabbiltà tas-sistemi u għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji. Dawn ir-regoli tekniċi għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi u għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji. għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-fornitura tal-informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni ([2]).

KAPITOLU III

Trasmissjoni, ħżin u LNG

Artikolu 9

Separazzjoni tas-sistemi ta' trasmissjoni u tal-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn … (*) 'il quddiem:

(a) kull impriża li tipposjedi sistema ta' trasmissjoni tagħha taġixxi bħala operatur tas-sistema ta' trasmissjoni;

(b) l-istess persuna jew persuni mhumiex intitolati:

(i) li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew provvista, u li direttament jew indirettament jezerċitaw kontroll jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew fuq sistema ta' trasmissjoni; jew

([2]) ĠU L 204, 29.1.2004, p. 37. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE (ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18).

(*) Id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva miżjuda b'sena, jiġifieri tletin xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(ii) li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll fuq operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew fuq sistema ta' trasmissjoni, u li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew provvista;

(c) l-istess persuna jew l-istess persuni mhumiex intitolati jaħtru membri tal-bord ta' sorveljanza, tal-bord amministrattiv jew tal-entitajiet li legalment jirrappreżentaw l-impriża, ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew tas-sistema ta' trasmissjoni, u li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' provvista; u

(d) l-istess persuna jew l-istess persuni mhumiex intitolati li jkunu membri tal-bord ta' sorveljanza, tal-bord amministrattiv jew tal-entitajiet li legalment jirrappreżentaw l-impriża, kemm ta' impriża li twettaq kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' forniment kif ukoll ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew tas-sistema ta' trasmissjoni.

2. Id-drittijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) is-setgħa għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' votazzjoni; jew

(b) is-setgħa li jiġu maħtura membri tal-bord ta' sorveljanza, tal-bord amministrattiv jew tal-entitajiet li legalment jirrappreżentaw lill-impriżi

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, il-kunċett ta'"impriża li taqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-forniment" għandu jinkludi "impriża li taqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-ġenerazzjoni u l-forniment" fl-ambitu tad-Direttiva 2009/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku ([1]), u t-termini "operatur tas-sistema ta' trasmissjoni" u "sistema ta' trasmissjoni" għandhom jinkludu "operatur tas-sistema ta' trasmissjoni" u "sistema ta' trasmissjoni" fl-ambitu tad-Direttiva 2009/…/KE.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mill-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 sa … (*), sakemm l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni ma jkunux jiffurmaw parti minn impriża integrata vertikalment.

5. L-obbligu stipulat fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jitqies sodisfatt f'sitwazzjoni fejn żewġ impriżi jew aktar li jkunu proprjetarji ta' sistemi ta' trasmissjoni joħolqu impriża konġunta li taġixxi ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni f'żewġ Stati Membri jew aktar għas-sistemi ta' trasmissjoni konċernati. L-ebda impriża oħra ma tista' tkun parti mill-impriża konġunta, sakemm ma tkunx ġiet approvata taħt l-Artikolu 15 bħala operatur indipendenti tas-sistema jew bħala operaturi indipendenti tat-trasmissjoni għall-finijiet tal-Kapitolu IV.

6. Għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, fejn il-persuna msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 hija l-Istat Membru jew entità pubblika oħra, żewġ entitajiet pubbliċi separati li jeżerċitaw kontroll, minn naħa waħda, fuq operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew fuq sistema ta' trasmissjoni u, min-naħa l-oħra, fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista, għandhom jitqiesu bħala l-istess persuna jew l-istess persuni.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li la l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva msemmija fl-Artikolu 16 miżmuma minn operatur tas-sistema ta' trasmissjoni li kienet tagħmel parti minn impriża integrata vertikalment u lanqas il-persunal ta' tali operatur tas-sistema ta' trasmissjoni ma jiġu trasferiti lil impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni u ta' provvista.

8. Fejn, fi … (**), is-sistema ta' trasmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 1.

F'tali każ, l-Istati Membri konċernati għandhom jew:

a) jaħtru operatur tas-sistema indipendenti taħt l-Artikolu 14, jew

b) jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV.

9. Fejn, fi … (**), is-sistema ta' trasmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment u jkun hemm arranġamenti fis-seħħ li jiggarantixxu indipendenza aktar effettiva tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 1.

10. Qabel ma impriża tiġi approvata u magħżula bħala operatur ta' sistema ta' trasmissjoni taħt il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tiġi ċertifikata konformement mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 10(4), (5) u (6) ta' din id-Direttiva u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru …/2009, li konformement magħhom il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-arranġamenti eżistenti jiggarantixxu b'mod ċar indipendenza aktar effettiva tal-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV.

11. Impriżi integrati vertikalment li huma proprjetarji tas-sistema ta' trasmissjoni fl-ebda każ m'għandhom jiġu mċaħħda milli jieħdu passi biex jikkonformaw mal-paragrafu 1.

12. L-impriżi li jwettqu kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew provvista m'għandhom fl-ebda każ ikunu jistgħu jieħdu kontroll ta' jew jeżerċitaw direttament jew indirettament kwalunkwe dritt fuq operaturi ta' sistema ta' trasmissjoni sseparata fl-Istati Membri li japplikaw il-paragrafu 1.

Artikolu 10

Ħatra u ċertifikazzjoni ta' operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni

1. Qabel ma impriża tkun approvata u maħtura bħala operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, hija għandha tkun ċertifikata konformement mal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikoluu fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru …/2009.

2. Impriżi proprjetarji tas-sistema ta' trasmissjoni u li ġew ċertifikati mill-awtorità regolatorja nazzjonali bħala li kkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9, konformement mal-proċedura ta' ċertifikazzjoni aktar 'l isfel, għandhom jiġu approvati u maħtura bħala operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni mill-Istati Membri. L-għażla tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L …

(*) Id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva miżjuda b'sentejn, jiġifieri 42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtorità regolatorja kwalunkwe transazzjoni ppjanata li tkun tista' teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9.

4. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jissorveljaw il-konformità kontinwa tal-operaturi ta' sistema ta' trasmissjoni mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9. Għandhom jibdew proċedura ta' ċertifikazzjoni sabiex jiżguraw tali konformità:

(a) man-notifika mill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni taħt il-paragrafu 3;

(b) fuq inizjattiva tagħhom stess fejn ikollhom tagħrif li bidla ppjanata fid-drittijiet jew fl-influwenza fuq proprjetarji ta' sistema ta' trasmissjoni jew operaturi ta' sistema ta' trasmissjoni tista' twassal għal ksur tal-Artikolu 9, jew fejn ikollhom raġuni sabiex jemmnu li seta' seħħ tali ksur; jew

(c) fuq talba motivata tal-Kummissjoni.

5. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jadottaw deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema tat-trasmissjoni f'perijodu ta' erba' xhur mid-data tan-notifika mill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew mid-data tat-talba tal-Kummissjoni. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, iċ-ċertifikazzjoni għandha titqies bħala mogħtija. Id-deċiżjoni espliċita jew taċita tal-awtorità regolatorja għandha ssir effettiva biss wara l-konklużjoni tal-proċedura prevista fil-paragrafu 6.

6. Id-deċiżjoni espliċta jew taċita dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandha tkun notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni mill-awtorità regolatorja, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha fir-rigward tad-deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha taġixxi konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru …/2009.

7. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni jistgħu jesiġu mill-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u mill-impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' forniment kwalunkwe tagħrif relevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom konformement ma' dan l-Artikolu.

8. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Artikolu 11

Ċertifikazzjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi

1. Fejn tintalab ċertifikazzjoni minn proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni jew operatur tas-sistema ta' trasmissjoni u li jkun kontrollat minn persuna jew persuni minn pajjiż terz jew pajjiżi terzi, l-awtorità regolatorja għanda tinnotifika lill-Kummissjoni.

L-awtorità regolatorja għandha wkoll tinnotifika lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe ċirkostanza li tirriżulta f'persuna jew persuni minn pajjiż terz jew pajjiżi terzi li jieħdu kontroll tas-sistema ta' trasmissjoni jew operatur tas-sistema ta' trasmissjoni.

2. L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtorità regolatorja dwar kwalunkwe ċirkostanza li tirriżulta f'persuna jew persuni minn pajjiż terz jew pajjiżi terzi li jieħdu kontroll tas-sistema ta' trasmissjoni jew operatur tas-sistema ta' trasmissjoni.

3. L-awtorità regolatorja għandha tadotta abbozz ta' deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika mill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni. Hi għandha tirrifjuta ċ-ċertifikazzjoni jekk ikun għadu ma ġiex muri:

(a) li l-entità konċernata tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9; u

(b) lill-awtorità regolatorja jew lil awtorità kompetenti oħra maħtura mill-Istat Membru li l-għoti ta' ċertifikazzjoni mhux ser ipoġġi f'riskju s-sigurtà tal-forniment tal-enerġija tal-Istat Membru u l-Komunità. Fl-kunsiderazzjoni ta' din il-kwistjoni, l-awtorità regolatorja jew l-awtorità kompetenti oħra maħtura għalhekk għandhom jieħdu kont ta' dawn li ġejjin:

(i) id-drittijiet u l-obbligi tal-Komunità fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz li joħorġu taħt il-liġi internazzjoni, inkluż ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew aktar li għalih il-Komunità hija parti u li indirizza l-kwistjonijiet ta' sigurtà u forniment tal-enerġija

(ii) id-drittijiet u l-obbligi tal-Istat Membru fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz li joħorġu taħt ftehim konkluż ma' dawn il-pajjiżi terzi, sakemm ikunu konformement mal-liġi Komunitarja, u

(iii) fatti speċifiċi oħra u ċirkostanzi tal-każ u tal-pajjiż terz konċernat.

4. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni mill-awtorità regolatorja, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha fir-rigward ta' dik id-deċiżjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu provvediment sabiex l-awtorità regolatorja u/jew l-awtorità kompetenti maħtura msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3, qabel ma l-awtorità regolatorja tadotta deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni, jitolbu opinjoni mill-Kummissjoni dwar jekk:

(a) l-entità konċernata tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9; u

(b) l-għoti ta'ċertifikazzjoni hux ser iqiegħed f'riskju jew le s-sigurtà tal-forniment tal-enerġija għall-Komunità.

6. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba msemmija fil-paragrafu 5 malli tirċeviha. Fi żmien xahrejn wara li tirċievi t-talba, hi għandha tagħti l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja nazzjonali jew, jekk it-talba tkun saret mill-awtorità maħtura kompetenti, lil dik l-awtorità.

Fit-tħejjija tal-opinjoni, il-Kummissjoni tista' titlob l-opinjonijiet tal-Aġenzija, l-Istat Membru konċernat, u l-partijiet interessati. Fil-każ li l-Kummissjoni tagħmel din it-talba, il-perijodu ta' xahrejn għandu jiġu estiż b'xahrejn.

Fl-assenza ta' opinjoni mill-Kummissjoni fi żmien il-perijodu msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, il-Kummissjoni għandha titqies li m'hijiex tqajjem oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja.

7. Meta tkun qed tivvaluta jekk il-kontroll minn persuna jew persuni minn pajjiż terz jew pajjiżi terzi ser ipoġġix f'riskju s-sigurtà tal-forniment tal-enerġija lill-Komunità, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' dawn li ġejjin:

(a) il-fatti speċifiċi tal-każ u l-pajjiż terz jew pajjiżi terzi konċernati, u

(b) id-drittijiet u l-obbligi tal-Komunità, li jkunu jeżistu taħt il-liġi internazzjoni, fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz jew pajjiżi terzi, inkluż ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew aktar li għalih il-Komunità hija parti u li indirizza l-kwistjonijiet ta' sigurtà tal-enerġija

8. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha, f'perijodu ta' xahrejn wara l-iskadenza tal-perijodu msemmi fil-paragrafu 6, tadotta d-deċiżjoni finali tagħha dwar iċ-ċertifikazzjoni. Fl-adozzjoni tad-deċiżjoni finali tagħha l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tieħu kont massimu tal-opinjoni tal-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ l-Istati Membri għandhom ikollhom id-dritt li jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni fejn l-għoti ta' ċertifikazzjoni ipoġġi f'riskju s-sigurtà tal-forniment tal-enerġija tal-Istat Membru. Fejn l-Istat Membru jkun ħatar awtorità regolatorja oħra biex tivvaluta l-punt (b) tal-paragrafu 3, dan jista' jesiġi li l-awtorità regolatorja nazzjonali tadotta d-deċiżjoni finali tagħha konformement mal-valutazzjoni ta' dik l-awtorità kompetenti. Id-deċiżjoni finali tal-awtorita regolartorja u l-opinjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu ppubblikati flimkien.

9. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jaffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jeżerċitaw, konformement mal-liġi Komunitarja, kontrolli legali nazzjonali biex jipproteġu interessi ta' sigurtà pubblika leġittimi.

10. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawhom għandhom jiġui adotatti konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 50(3).

11 Dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandu japplika wkoll għall-Istati Membri li huma suġġetti għal derogi taħt l-Artikolu 48.

Artikolu 12

Ħatra ta' operaturi tal-ħżin u tas-sistema tal-LNG

L-Istati Membri għandhom jaħtru, jew jesiġu li, impriżi tal-gass naturali li jkunu proprjetarji ta' faċilitajiet tal-ħżin jew tal-LNG li jaħtru, għal perijodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri b'kont meħud tal-kwistjonijiet ta' effiċjenza u bilanċ ekonomiku, operatur, jew aktar, tas-sistema tal-ħżin jew tal-LNG.

Artikolu 13

Kompiti tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, tal-ħżin u/jew tal-LNG

1. Kull operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, tal-ħżin u/jew tal-LNG għandu:

(a) jopera, jagħti manutenzjoni u jiżviluppa taħt kondizzjonijiet ekonomiċi, it-trasmissjoni, il-ħżin u/jew il-faċilitajiet tal-LNG b'kont dovut għall-ambjent;

(b) iżomm lura milli jiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew klassijiet ta' utenti tas-sistema, b'mod partikolari favur l-impriżi relatati tiegħu;

(c) jagħti lil kull operatur ieħor tas-sistema ta' trasmissjoni, operatur ieħor tas-sistema tal-ħżin, operatur ieħor tas-sistema tal-LNG u/jew kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni, biżżejjed informazzjoni sabiex jaċċerta li t-trasport u l-ħżin tal-gass naturali jistgħu jsiru b'mod kompatibbli mal-operat sikur u effiċjenti tas-sistema interkonnessa; u

(d) jagħti lill-utenti tas-sistema l-informazzjoni li jeħtieġu għall-aċċess effiċjenti għas-sistema.

2. Ir-regoli adottati mill-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni biex jibbilanċjaw is-sistemi ta' trasmissjoni tal-gass għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, inklużi regoli għat-tariffi għall-utenti tas-sistema tan-networks tagħhom għall-iskwilibrju tal-enerġija. It-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi regoli u tariffi, għall-fornitura ta' dawn is-servizzi minn operaturi tas-sistemi tat-trasmissjoni għandhom jiġu stabbiliti skont metodoloġija kompatibbli mal-Artikolu 40(6) b'mod mhux diskriminatorju u li jirrefletti l-ispejjeż u għandhom jiġu ppubblikati.

3. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni josservaw rekwiżiti minimi għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema ta' trasmissjoni, inkluża l-kapaċità tal-interkonnessjoni.

4. Operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għandhom jipprokuraw l-energija li jużaw għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont proċeduri bbażati fuq is-suq li huma trasparenti u mhux diskriminatorji.

Artikolu 14

Operaturi ta' sistemi indipendenti

1. Fejn is-sistema ta' trasmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment fi … (*), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-Artikolu 9(1) u jaħtru operatur ta' sistema indipendenti fuq proposta mill-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni. Din il-ħatra għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

2. L-Istat Membru jista' japprova u jaħtar biss operatur indipendenti tas-sistema, meta:

(a) l-operatur kandidat wera li jikkonforma mar-rekwiżiti Artikolu 9(1)(b), (c) u (d);;

(b) l-operatur kandidat ikun wera li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi finanzjarji, tekniċi, fiżiċi u umani meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu taħt l-Artikolu 13;

(c) l-operatur kandidat ikun intrabat li jikkonforma ma' pjan, għall-operatur indipendenti tas-sistema, ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network b'sorveljanza mill-awtorità regolatorja;

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(d) il-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni jkun wera l-kapaċità tiegħu li jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt il-paragrafu 5. Għal dan il-għan, għandu jipprovdi abbozz tal-arranġamenti kuntrattwali kollha mal-impriża kandidata u ma' kwalunkwe entità oħra relevanti;

(e) l-operatur kandidat ikun wera l-abbiltà tiegħu li jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt ir-Regolament (KE) Nru …/2009 inkluża l-koperazzjoni tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni fil-livell Ewropew u reġjonali.

3. L-impriżi li jkunu ġew ċertifikati mill-awtorità regolatorja bħala li kkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 u tal-Artikolu 14(2) għandhom jiġu approvati u maħtura bħala operaturi tas-sistema indipendenti mill-Istati Membri. Għandha tkun applikabbli l-proċedura ta' ċertifikazzjoni fl-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru …/2009 jew dik fl-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva.

4. Kull operatur indipendenti tas-sistema, għandu jkun responsabbli għall-għoti u l-ġestjoni tal-aċċess għal partijiet terzi, inkluż il-ġbir ta' ħlasijiet ta' aċċess u d-drittijiet ta' konġestjoni, għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema ta' trasmissjoni, kif ukoll għall-iżgurar tal-kapaċità fit-tul tas-sistema li tilqa' domanda raġonevoli permezz ta' ppjanar ta' investiment. Fl-iżvilupp tas-sistema ta' trasmissjoni, l-operatur tas-sistema indipendenti għandu jkun responsabbli għall-ippjanar (inkluża l-proċedura tal-awtorizzazzjoni), il-bini, u l-kuntrattar tal-infrastruttura l-ġdida. Għal dan il-għan, l-operatur tas-sistema indipendenti għandu jaġixxi bħala operatur tas-sistema ta' trasmissjoni konformement ma' dan il-Kapitolu. Il-proprjetarji ta' sistemI ta' trasmissjoni m'għandhomx ikunu responsabbli għall-approvazzjoni u l-ġestjoni ta' aċċess mill-partijiet terzi, u lanqas għall-ippjanar tal-investiment.

5. Meta jinħatar operatur tas-sistema indipendenti, il-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni għandu:

(a) jipprovdi l-koperazzjoni u l-appoġġ kollha relevanti lill-operatur tas-sistema indipendenti għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, inkluż b'mod partikolari t-tagħrif kollu relevanti;

(b) jiffinanzja l-investimenti deċiżi mill-operatur tas-sistema indipendenti u approvati mill-awtorità regolatorja, jew jaċċetta li jiġu ffinanzjati minn kwalunkwe parti interessata, inkluż l-operatur tas-sistema indipendenti. L-arranġamenti ta' finanzjament relevanti għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. Qabel din l-approvazzjoni, l-Awtorità Regolatorja għandha tikkonsulta lill-proprjetarju tal-assi flimkien mal-partijiet interessati l-oħrajn;

(c) jipprovdi għall-kopertura ta' responsabbiltà relatata mal-assi tan-network, bl-esklużjoni tar-responsabbiltà marbuta mal-kompiti tal-operatur indipendenti tas-sistema; u

(d) jipprovdi garanziji biex jiġi ffaċilitat il-finanzjament ta' kwalunkwe espansjonijet tan-network bl-eċċezzjoni ta' dawk l-investimenti fejn, taħt il-punt (b), jkun ta l-approvazzjoni tiegħu għal finanzjament minn kwalunkwe parti interessata, inkluż l-operatur tas-sistema indipendenti.

6. F'koperazzjoni mill-qrib mal-awtorità regolatorja, l-awtorità nazzjonali relevanti fuq il-kompetizzjoni għandha tingħata s-setgħat kollha relevanti sabiex tissorvelja b'mod effettiv il-konformità tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni mal-obbligi tiegħu taħt il-paragrafu 5.

Artikolu 15

Separazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u tal-operatur tas-sistema ta' ħżin

1. Il-proprjetarju ta' sistema ta' trasmissjoni, meta jkun inħatar operatur indipendenti tas-sistema, u l-operatur ta' sistema ta' ħżin li jiffurmaw parti minn impriżi integrati vertikalment, għandhom ikunu indipendenti, għall-anqas f'termini tal-forma ġuridika tagħhom, tal-organizzazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, minn attivitajiet oħrajn li ma jkunux relatati mat-trasmissjoni, distribuzzjoni u ħżin.

Dan l-Artikolu għandu japplika biss għall-faċilitajiet tal-ħżin li huma teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa għall-aċċess effiċjenti fis-sistema għall-forniment ta' klijenti taħt l-Artikolu 32.

2. Sabiex tiġi aċċertata l-indipendenza tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u tal-operatur tas-sistema ta' ħżin msemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-kriterji minimi li ġejjin:

(a) dawk il-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u l-operatur tas-sistema ta' ħżin ma jistgħux jieħdu sehem fl-istrutturi korporattivi tal-impriża integrata tal-gass naturali li hija responsabbli, direttament jew indirettament, għall-operat ta' kuljum tal-produzzjoni u l-forniment tal-gass naturali;

(b) għandhom jittieħdu miżuri adegwati biex jiġi aċċertat illi l-interessi professjonali tal-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u l-operatur tas-sistema ta' ħżin jitqiesu b'mod li jiżgura li huma kapaċi li jaġixxu b'mod indipendenti;

(c) l-operatur tas-sistema ta' ħżin għandu jkollu drittijiet effettivi ta' teħid tad-deċiżjonijiet, indipendentement mill-impriża integrata tal-gass naturali, rigward l-assi meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni jew l-iżvilupp tal-faċilitajiet tal-ħżin. Dan m'għandux jeskludi l-eżistenza ta' mekkaniżmi adegwati ta' koordinazzjoni biex jiġi aċċertat li jiġu protetti d-drittijiet ta' sorveljanza ekonomika u ta' amministrazzjoni tal-kumpanija prinċipali rigward prospetti fuq assi regolati indirettament taħt l-Artikolu 40(6) f'kumpanija sussidjarja. B'mod partikolari, dan għandu jippermetti lill-kumpanija prinċipali tapprova l-pjan finanzjarju ta' kull sena, jew kwalunkwe strument ekwivalenti, tal-operatur tas-sistema ta' ħżin kif ukoll li tistabbilixxi limiti globali fuq il-livelli ta' dejn tas-sussidjarja tagħha. Dan m'għandux jippermetti lill-kumpanija prinċipali tagħti xi struzzjonijiet dwar l-operazzjoni ta' kuljum, u lanqas dwar deċiżjonijiet individwali marbuta mal-bini jew mat-tiġdid tal-faċilitajiet tal-ħżin, li ma jkunux jeċċedu t-termini tal-pjan finanzjarju approvat, jew kwalunkwe strument ekwivalenti ieħor; u

(d) il-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u l-operatur tas-sistema ta' ħżin għandhom ifasslu programm ta' konformità, li jistabbilixxi l-miżuri meħuda biex ikun żgurat li ma jkun hemm l-ebda kondotta diskriminatorja, u biex ikun żgurat li l-osservanza tiegħu tkun sorveljata tajjeb. Il-programm ta' konformita' għandu jistabbilixxi l-obbligazzjonijiet speċifiċi tal-impjegati li jiksbu dawk l-għanijiet. Rapport annwali, li jindika l-miżuri meħuda, għandu jiġi ppreżentat mill-persuna jew l-entità responsabbli għas-sorveljanza tal-programm takonformità lejn l-awtorità regolatorja u għandu jiġi ppubblikat.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida biex taċċerta l-konformità sħiħa u effettiva mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u tal-operatur tas-sistema tal-ħażna. Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 50(3).

Artikolu 16

Kunfidenzjalità għall-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u proprjetarji tas-sistemi ta' trasmissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 jew kwalunkwe obbligu legali ieħor għall-iżvelar ta' informazzjoni, kull operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, ħżin u/jew LNG, u proprjetarji tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba matul it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom, u għandhom jipprevjenu li informazzjoni dwar l-attivitajiet proprji tagħhom li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża tiġi żvelata b'mod diskriminatorju, u b'mod partikolari m'għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva lill-partijiet li jkun baqa' tal-impriża, ħlief jekk dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' transazzjoni ta' negozju. Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-regoli dwar is-separazzjoni tal-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprjetarju tas-sistema tat-trasmissjoni ma jużax servizzi konġunti, p.e. ebda servizz legali konġunt, minbarra funzjonijiet purament amministrattivi jew tal-IT.

2. L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni, tal-ħżin u/jew tal-LNG m'għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-gass naturali minn impriża relatata, jużaw skorrettament informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba minn terzi fil-kuntest tal-għoti jew tan-negozjar tal-aċċess għas-sistema.

KAPITOLU IV

Operatur ta' trasmissjoni indipendenti

Artikolu 17

Assi, tagħmir, persunal u identità

1. L-opraturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom ikunu mgħammra bir-riżorsi umani, tekniċi, fiżiċi u finanzjarji kollha biex jaqdu l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva u jwettqu l-attività ta' trasmissjoni tal-gass, partikolarment:

(a) assi li huma meħtieġa għall-attività ta' trasmissjoni tal-gass, inkluża s-sistema ta' trasmissjoni, għandhom ikunu l-proprjetà tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni;

(b) persunal meħtieġ għan-negozju ta' trasmissjoni tal-gass, inkluż il-prestazzjoni tal-kompiti korporattivi, għandhom jiġu impjegati mill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni;

(c) it-twellija ta' persunal u l-għoti ta' servizzi, lil u minn kwalunkwe parti oħra tal-impriża integrata vertikalment għandha tiġi projbita. L-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni jista' madankollu jagħti servizzi lill-impriża integrata vertikalment sakemm:

(i) l-għoti ta' dawn is-servizzi ma jiddiskriminax kontra utenti tas-sistema, huwa disponibbli lil utenti kollha tas-sistema taħt l-istess termini u kondizzjonijiet u ma jirrestiġix, jgħawweġ jew jipprevjeni kompetizzjoni fil-produzzjoni jew il-forniment, u

(ii) it-termini u l-kondizzjonijiet tal-għoti ta' dawn is-servizzi jkunu approvati mill-awtorità regolatorja;

(d) mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-Korp ta' Sorveljanza taħt l-Artikolu 20, riżorsi finanzjarji xierqa għal proġetti futuri ta' investiment u/jew għas-sostituzzjoni ta' assi eżistenti għandhom ikunu disponibbli għall- operatur ta' sistema ta' trasmissjoni fiż-żmien dovut mill-impriża inegrata vertikalment wara talba adatta mill-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni.

2. L-attività tat-trasmissjoni tal-gass għandu għall-anqas jinkludi l-kompiti li ġejjin flimkien ma' dawk elenkati fl-Artikolu 13:

(a) rappreżentanza tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni u kuntatti lil partijiet terzi u l-awtoritajiet regolatorji;

(b) rappreżentanza tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni fin-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trasmissjoni (European Network of Transmission System Operators) tal-Gass "ENTSO tal-Gass";

(c) l-għoti ta' aċċess lil partijiet terzi u l-ġestjoni tiegħu fuq bażi mhux diskriminatorja bejn l-utenti tas-sistema jew il-klassijiet tal-utenti tas-sistema;

(d) il-ġbir tal-ispejjeż kollha relatati mas-sistema ta' trasmissjoni inkluż l-ispejjeż ta' aċċess, l-ispejjeż ta' kumpens għal servizzi anċillari bħat-trattament tal-gass, ix-xiri ta' servizzi (l-ispejjeż ta' bilanċ, enerġija għal telf);

(e) l-operazzjoni, manutenzjoni u żvilupp tas-sistema sikura, effikaċi u ekonomika ta' trasmissjoni;

(f) ippjanar fl-investiment li jiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema li tlaħħaq mad-domanda raġonevoli u tiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista;

(g) l-istabbiliment ta' impriżi konġunti adegwati, anke ma' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni wieħed jew aktar, skambji tal-gass, u attivitajiet oħra relevanti bil-għan tal-iżvilupp tal-ħolqien tas-swieq reġjonali jew jiġi ffaċilitat il-proċess ta' liberalizzazzjoni; u

(h) is-servizzi korporattivi kollha, inklużi s-servizzi legali, il-kontabbiltà u s-servizzi tal-IT.

3. L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għandhom ikunu organizzati fil-forma legali ta' kumpanija ta' responsabbiltà żgħira kif imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE [1].

[1] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tad-9 ta' Marzu 1968 dwar il-koordinament ta' salvagwardji li, għall-finijiet tal-protezzjoni tal-interessi tal-membri u ta' oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri mingħand kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li dawn is-salvagwardji isiru ekwivalenti mal-Komunità kollha (ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8).

4. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni m'għandux, fl-identità, il-komunikazzjonijiet u l-użu tal-marka (branding) u l-lokazzjoni korporattiva tiegħu, joħloq konfużjoni fir-rigward tal-identità tal-impriża integrata vertikalment jew kwalunkwe parti tagħha.

5. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni m'għandux jikkondividi sistemi tal-IT jew tagħmir, bini u sistemi ta' aċċess ta' sigurtà ma' kwalunkwe parti tal-impriża integrata vertikalment, u lanqas juża l-istess konsulenti jew kuntratturi esterni għal sistemi jew tagħmir tal-IT, u s-sistemi ta' aċċess tas-sigurtà.

6. Il-kontijiet tal-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għandhom jiġu vverifikati minn awditur li ma huwiex dak li jivverifika l-impriża integrata vertikalment jew xi parti minnha.

Artikolu 18

Indipendenza tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-membri tal-Korp ta' Sorveljanza taħt l-Artikolu 20, l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jkollu:

(a) drittijiet deċiżjonali reali, indipendenti mill-impriża integrata vertikalment, fejn għandhom x'jaqsmu l-assi meħtieġa biex jopera, iżomm jew jiżviluppa s-sistema ta' trasmissjoni; u

(b) is-setgħa li jsib fondi fis-suq kapitali b'mod partikolari billi jissellef u permezz ta' żieda kapitali.

2. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu fi kwalunkwe ħin jaġixxi li jiżgura li huwa jkollu r-riżorsi li jeħtieġ sabiex iwettaq korrettament l-attività ta' trasmissjoni u effiċjenti u jiżviluppa u jżomm sistema ta' trasmissjoni li tkun effiċjenti, sikura u ekonomika.

3. Is-sussidjarji tal-impriża integrata vertikalment li twettaq funzjonijiet ta' produzzjoni jew provvista m'għandhom ikollhom ebda sehem dirett jew indirett fl-ishma fl-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni m'għandu jkollu la sehem dirett jew indirett fl-ishma ta' xi sussidjarja tal-impriża integrata vertikalment li twettaq funzjonijiet ta' produzzjoni jew provvista, u lanqas jirċievi dividendi jew xi benefiċċju finanzjarju ieħor min dik is-sussidjarja.

4. L-istruttura ġenerali tal-ġestjoni u l-istatuti korporattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jiżguraw l-indipendenza effettiva tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni konformement ma' dan il-Kapitolu. L-impriża integrata vertikalment m'għandiex tiddetermina direttament jew indirettament l-imġiba kompetittiva tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni u l-ġestjoni tan-network, jew fir-rigward tal-attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija tal-pjan ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin żviluppat taħt l-Artikolu 22.

5. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom fl-Artikolu 13 u fl-Artikolu 17(2) ta' din id-Direttiva, u konformement mal-Artikolu 13 (1), l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 16(2), (3) u (5) tar-Regolament (KE) Nru …/2009, l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni m'għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni jew entitajiet differenti u m'għandhomx jirrestringu, jiddistorsjaw jew jipprevjenu l-kompetizzjoni fil-produzzjoni jew il-provvista.

6. Kull relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, inkluż is-self mill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni lill-impriża integrata vertikalment, għandha tkun konformi mal-kondizzjonijiet tas-suq. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jżomm rekords iddettaljati ta' dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji u jagħmilhom disponibbli lill-awtorità regolatorja hekk kif issirlu t-talba.

7. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jippreżenta għall-apporvazzjoni mill-awtorità regolatorja kull ftehim kummerċjali u finanzjarju mal-impriża integrata vertikalment.

8 L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jinforma lill-awtorità regolatorja bir-riżorsi finanzjarji, imsemmija fl-Artikolu 17(1)(d), disponibbli għal proġetti futuri ta' investiment u/jew għas-sostituzzjoni ta' assi eżistenti.

9. L-impriża integrata vertikalment għandha tastjeni minn kwalunkwe azzjoni li timpedixxi jew tippreġudika l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu f'dan il-Kapitolu u m'għandhiex tesiġi li l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jitlob il-permess mill-impriża integrata vertikalment biex jikkonforma ma' dawn l-obbligi.

10. Impriża li tkun ġiet ċertifikata mill-awtorità regolatorja bħala konformi mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għandha tkun approvata u nnominata bħala operatur tas-sistema ta' trasmissjoni mill-Istat Membru konċernat. Għandha tapplika l-proċedura ta' ċertifikazzjoni fl-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru …/2009 jew dik fl-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva.

Artikolu 19

Indipendenza tal-persunal u l-ġestjoni tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni

1. Id-deċiżjonijiet fir-rigward ħatriet u tiġdid, kondizzjonijiet ta' xogħol inkluża r-remunerazzjoni u t-terminzzjoni tal-kariga tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jittieħdu mill-Korp ta' Sorveljanza tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni maħtur taħt l-Artikolu 20.

2. L-identità u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-mandat, it-tul ta' żmien u t-terminazzjoni tal-kariga tal-persuni nnominati mill-Korp ta' Sorveljanza għall-ħatra jew tiġdid bħala persuni responsabbli mill-ġestjoni eżekuttiva u/jew bħala membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, u r-raġunijiet għal kull deċiżjoni proposta li tittermina tali kariga, għandhom jiġi nnotifikati lill-awtorità regolatorja. Dawn il-kondizzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jorbtu biss jekk, fi żmien tliet ġimgħat wara n-notifika, l-awtorità regolatorja ma tkunx oġġezzjonat għalihom.

L-awtorità regolatorja tista' toġġezzjona għad-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1:

(a) jekk iqumu dubji dwar l-indipendenza professjonali ta' persuna nnominata responsabbli mill-ġestjoni u/jew membru tal-korpi amministrattivi, jew

(b) fil-każ ta' terminazzjoni prematura ta' kariga, jekk jeżistu dubji rigward il-ġustifikazzjoni ta' tali terminazzjoni prematura.

3. L-ebda pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew ta' negozju, direttament jew indirettament, mal-impriża integrata vertikalment jew kwalunkwe parti jew l-azzjonisti li jikkontrollawha għajr l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, m'għandha tiġi eżerċitata għal perijodu ta' tliet snin qabel il-ħatra tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew tal-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni li huma suġġetti għal dan is-subparagrafu.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għall-maġġoranza tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni.

Il-persuni responsabbli għall-ġestjoni u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni li mhumiex suġġetti għall-ewwel subparagrafu ma għandhomx ikunu eżerċitaw l-ebda ġestjoni jew attività relevanti oħra fl-impriża integrata vertikalment għal perijodu ta' mill-anqas sitt xhur qabel il-ħatra tagħhom.

4. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni ma jridx ikollhom xi pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew negozju, direttament jew indirettament, ma' xi parti oħra tal-impriża integrata vertikalment jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha.

5. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni ma jridx ikollhom xi interess fi jew jirċievu xi benefiċċju finanzjarju, direttament jew indirettament, minn xi parti tal-impriża integrata vertikalment li mhuwiex l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni. Ir-remunerazzjoni tagħhom m'għandhiex tiddipendi mill-attivitajiet jew mir-riżultati tal-impriża integrata vertikalment jekk mhux dawk tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni.

6. Id-drittijiet effettivi għal appell lill-awtorità regolatorja għandhom ikunu ggarantiti għal kwalunkwe lment mill-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni kontra terminazzjonijiet prematuri tal-kariga tagħhom.

7. Wara t-terminazzjoni tal-kariga fl-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, il-persuni responsabbli mill-ġestjoni tiegħu u/jew membri tal-korpi amministrattivi tiegħu ma jridx ikollhom xi pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew negozju ma' xi parti tal-impriża integrata vertikalment jew xi parti minnha jekk mhux l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha għal perijodu ta' mhux anqas minn erba' snin.

8. It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 u l-paragrafu 7 għandhom ikunu applikabbli għall-persuni kollha li jappartjenu għall-ġestjoni eżekuttiva u għal dawk kollha li jirrappurtaw għalihom direttament dwar materji relatati għall-operat, il-ġestjoni jew l-iżvilupp tan-network.

Artikolu 20

Korp ta' Sorveljanza

1. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jkollu Korp ta' Sorveljanza li jkun inkarigat mit-teħid ta' deċiżjonijiet li jista' jkollhom impatt sinifikattiv fuq il-valur tal-assi tal-azzjonisti fl-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, partikolarment deċiżjonijiet rigward l-approvazzjoni tal-pjanijiet finanzjarju annwali u dawk fuq perijodu itwal, il-livell ta' djun tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni u l-ammont ta' dividendi mqassma lill-azzjonisti. Id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Korp ta' Sorveljanza għandhom jeskludu lil dawk li huma relatati mal-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni u l-ġestjoni tan-network, u fir-rigward tal-attivitajiet neċessarji għat-tħejjija tal-pjan ta' ħidma ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network żviluppat taħt l-Artikolu 22.

2. Il-Korp ta' Sorveljanza għandu jkun magħmul minn membri li jirrappreżentaw l-impriża integrata vertikalment, membri li jirrappreżentaw l-azzjonisti li huma parti terza u, fejn il-leġislazzjoni relevanti ta' Stat Membru tipprevedi hekk, membri li jirrappreżentaw partijiet oħra interessati bħal impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni.

3. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(3) u l-Artikolu 19(4) sa (7) għandhom japplikaw għall-anqas għal nofs il-membri tal-Korp ta' Sorveljanza barra wieħed.

Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) għandu japplika għall-membri kollha tal-Korp ta' Sorveljanza.

Artikolu 21

Programm ta' konformità u uffiċjal għall-konformità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni jistabbilixxu programm ta' konformità li jistabbilixxi l-miżuri meħudin biex jiġi żgurat li kull aġir diskriminatorju jiġi eskluż, u jaċċerta li l-konformità ma' dan il-programm hija ssorveljata b'mod xieraq. Il-programm ta' konformita' għandu jistabbilixxi l-obbligazzjonijiet speċifiċi tal-impjegati li jiksbu dawk l-għanijiet. Huwa għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-regolatur nazzjonali, il-konformità mal-programm għandha tiġi ssorveljata indipendentement minn uffiċjal għall-konformità.

2. L-uffiċjal għall-konformità għandu jinħatar mill-Korp ta' Sorveljanza. L-uffiċjal għall-konformità jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika. L-Artikolu 19(2) sa (7) għandu japplika għall-uffiċjal għall-konformità. L-awtorità regolatorja tista' toġġezzjona għall-ħatra ta' uffiċjal għall-konformità għal raġunijiet ta' nuqqas ta' indipendenza jew kapaċità professjonali.

3. L-uffiċjal għall-konformità għandu jkun inkarigat milli:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm ta' konformità;

(b) jelabora rapport annwali, li juri l-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tal-programm ta' konformità u jippreżentah lill-awtorità regolatorja;

(c) jirrapporta lill-Korp ta' Sorveljanza u joħroġ rakkomandazzjonijiet dwar il-programm ta' konformità u l-implimentazzjoni tiegħu;

(d) jinnotifika lill-awtorità regolatorja dwar kwalunkwe ksur sostanzjali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm ta' konformità; u

(e) jirrapporta lill-awtorità regolatorja dwar kwalunkwe relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni.

4. L-uffiċjal għall-konformità għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet proposti dwar il-pjan ta' investiment jew dwar investimenti individwali fin-network lill-awtorità regolatorja. Dan għandu jseħħ l-aktar tard meta t-tmexxija u/jew il-korp amministrattivi kompetenti tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jippreżentahom lill-Korp ta' Sorveljanza.

5. Fejn l-impriża integrata vertikalment, fl-assemblea ġenerali jew permezz tal-vot tal-membri tal-Korp ta' Sorveljanza li hija tkun ħatret, tkun evitat l-adozzjoni ta' deċiżjoni bl-effett li ma jitħallewx isiru jew jiġu ttardjati investimenti fin-network, l-uffiċjal għall-konformità għandu jirrapporta dan lill-awtorità regolatorja.

6. Il-kondizzjonijiet li jiggvernaw il-mandat jew il-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-uffiċjal għall-konformità għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja u għandhom jiżguraw l-indipendenza tal-uffiċjal għall-konformità.

7. L-uffiċjal għall-konformità għandu jirrapporta regolarment, bil-fomm jew bil-kitba, lill-awtorità regolatorja u għandu jkollu d-dritt li jirrapporta regolarment, bil-fomm jew bil-kitba, lill-Korp ta' Sorveljanza tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni.

8. L-uffiċjal għall-konformità jista' jattendi għal-laqgħat kollha tat-tmexxija jew tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, u dawk tal-Korp ta' Sorveljanza u l-assemblea ġenerali. L-uffiċjal għall-konformità għandu jattendi l-laqgħat kollha li jindirizzaw il-materji li ġejjin:

(a) il-kondizzjonijiet ta' aċċess għan-network, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru …/2009, partikolarment fir-rigward tat-tariffi, is-servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi, l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni, it-trasparenza, l-ibbilanċjar u s-swieq sekondarji;

(b) proġetti mibdija sabiex tiġi operata, tiġi mantenuta u żviluppata s-sistema ta' trasmissjoni, inkluż investimenti f'konnessjonijiet ta' trasport ġodda, fl-espansjoni tal-kapaċità u l-ottimizzazzjoni tal-kapaċità eżistenti;

(c) xiri jew bejgħ tal-enerġija meħtieġa biex tiġi operata s-sistema ta' trasmissjoni.

9. L-uffiċjal għall-konformità għandu jissorvelja l-konformità tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni mal-Artikolu 16.

10. L-uffiċjal għall-konformità għandu jkollu aċċess għaddata kollha relevanti u għall-uffiċċji tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni u għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex jaqdi l-kompiti tiegħu.

11. Wara l-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità regolatorja, il-Korp ta' Sorveljanza jista' jneħħi mill-kariga lill-uffiċjal għall-konformità.

12. L-uffiċċjal għall-konformità għandu jkollu aċċess għall-uffiċċji tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni mingħajr avviż minn qabel.

Artikolu 22

Żvilupp tan-network u setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment

1. Kull sena, l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jippreżentaw lill-awtorità regolatorja pjan ta' żvilupp tan-network fuq għaxar snin ibbażat fuq il-provvista u d-domanda eżistenti u previsti wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha relevanti. Il-pjan għandu jkun fih miżuri effiċjenti sabiex jiggarantixxu l-adegwatezza tas-sistema u s-sigurtà tal-provvista.

2. Il-pjan ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin għandu, b'mod partikolari:

(a) jindika lill-parteċipanti fis-suq l-infrastrutturi ewlenin ta' trasmissjoni li jeħtieġ li jinbnew jew jiġu mmodernizzati matul l-għaxar snin li ġejjin.

(b) jkun fih l-investimenti kollha diġà deċiżi u jidentifika investimenti ġodda li jridu jiġu eżegwiti fit-tliet snin li ġejjin. u

(c) jipprovdi skeda ta' żmien għall-proġetti kollha ta' investiment.

3. Waqt l-elaborazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin, l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jagħmel suppożizzjonijiet raġjonevoli dwar l-evoluzzjoni tal-produzzjoni, il-provvista, il-konsum u l-iskambji ma' pajjiżi oħrajn, b'kont meħud tal-pjani ta' investiment għan-networks reġjonali u fil-Komunità kollha, kif ukoll għall-pjani ta' investiment għall-ħżin u l-faċilitajiet ta' gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG.

4. L-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta mal-utenti kollha effettivi u potenzjali tan-network dwar il-pjan ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin b'mod miftuħ u trasparenti. Il-persuni jew impriżi li jiddikjaraw li huma utenti potenzjali tas-sistema jistgħu jintalbu jissostanzjaw tali pretensjonijiet. L-awtorità regolatorja għandha tippubblika r-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni, partikolarment il-ħtiġijiet possibbli għal investimenti.

5. L-awtorità regolatorja għandha teżamina jekk il-pjan ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin ikoprix il-ħtiġijiet kollha tal-investimenti identifikati matul il-proċess ta' konsultazzjoni, u jekk hux konformi mal-pjan mhux obbligatorju ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin għall-Ewropa kollha msemmi fl-Artikolu 8 (1) tar-Regolament (KE) Nru …/2009. Jekk ikun hemm xi dubju dwar il-koformità mal-pjan mhux obbligatorju ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin għall-Ewropa kollha, l-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta mal-Aġenzija. L-awtorità regolatorja tista' titlob lill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni sabiex jemenda l-pjan tiegħu.

6. L-awtorità regolatorja għandha tissorvelja u tevalwa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tan- network fuq 10 snin.

7. F'ċirkostanzi fejn l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, jekk mhux għal raġunijiet imperattivi mhux fil-kontroll tiegħu, ma jeżegwixxix investiment, li, konformement mal-pjan ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin, suppost kellu jiġi eżegwit fis-snin ta' wara, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja għandha l-obbligu li tieħu għall-anqas waħda mill- miżuri li ġejjin biex tiżgura li l-investiment in kwistjoni jseħħ jekk tali investiment ikun għadu relevanti abbażi tal- pjan l-aktar reċenti ta' żvilupp tan-network fuq 10 snin:

(a) tesiġi mill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni li jeżegwixxi l-investimenti in kwistjoni,

(b) torganizza proċedura għal sejħa ta' offerti miftuħa għal kull investitur għall-investiment in kwistjoni; jew

(c) tobbliga lill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jaċċetta żieda fil-kapital biex jiffinanzja l-investimenti meħtieġa u jippermetti l-investituri indipendenti jipparteċipaw fil-kapital.

Meta l-awtorità regolatorja tkun għamlet użu mis-setgħat tagħha taħt il-punt (b) tal-paragrafu 7, ħija tista' tobbliga lill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jaqbel ma' element wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:

(a) il-finanzjament minn xi parti terza,

(b) il-kostruzzjoni minn xi parti terza,

(c) il-bini minnu stess tal-assi koncernati,

(d) l-operazzjoni minnu istess tal-ass koncernat.

L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jipprovdi lill-investituri bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu l-investiment, għandu jikkollega l-assi l-ġodda man-network ta' trasmissjoni u għandu jagħmel l-aħjar li jista' biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment.

L-arranġamenti finanzjarji relevanti għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.

8. Meta l-awtorità regolatorja tkun għamlet użu mis-setgħat tagħha taħt l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7, ir-regolamenti tariffarji relevanti għandhom ikopru l-ispejjeż tal-investimenti in kwistjoni.

Artikolu 23

Setgħat deċiżjonali fir-rigward tal-konnessjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin, faċilitajiet ta' gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG u klijenti industrijali mas-sistema ta' trasmissjoni

1. L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom ikunu obbligati jistabbilixxu u jippubblikaw proċeduri trasparenti u effiċjenti u tariffi għall-konnessjoni non-diskriminatorja ta' impjanti ta' ħżin, faċilitajiet ta' gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG u klijenti industrijali mas-sistema ta' trasmissjoni. Il-proċeduri għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.

2. L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni m'għandhomx ikunu intitolati li jirrifjutaw il-konnessjoni ta' faċilità ġdida ta' ħżin, faċilità ta' gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG jew klijent industrijali għal raġunijiet ta' limitazzjonijiet possibbli futuri fil-kapaċitajiet tan-network disponibbli jew spejjeż addizzjonali relatati maż-żieda neċessarja tal-kapaċità. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jkun obbligat jiżgura biżżejjed kapaċità ta' dħul u ħruġ għall-konnessjoni l-ġdida.

KAPITOLU V

Distribuzzjoni u fornitura

Artikolu 24

Il-ħatra tal-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni

L-Istati Membri għandhom jinnominaw, jew jesiġ li l-impriżi li għandhom jew li huma responsabbli għal sistemi ta' distribuzzjoni jinnominaw, għal perijodu li għandu jiġi determinat mill-Istati Membri, wara li jkunu kkunsidraw kwistjonijiet ta' effikaċja u bilanċ ekonomiku, operatur tas-sistemi ta' trasmissjoni wieħed jew aktar, u għandhom jaċċertaw li dawk l-operaturi jaġixxu taħt l-Artikoli 25, 26 u 27.

Artikolu 25

Kompiti tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni

1. Kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jopera, imantni u jiżviluppa taħt kondizzjonijiet ekonomiċi, sistema sikura, affidabbli u effiċjenti, b'rigward dovut għall-ambjent.

2. F'kull każ l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni m'għandux jiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew klassijiet ta' utenti, b'mod partikolari favur l-impriżi relatati tiegħu.

3. Kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jipprovdi kull operatur ieħor tas-sistema tad-distribuzzjoni u/jew operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew tal-LNG, u/jew operatur tas-sistema tal-ħżin b'informazzjoni biżżejjed biex jiġi aċċertat li t-trasport u l-ħażna tal-gass naturali jsiru b'mod kompatibbli mal-operazzjoni sikura u effiċjenti tas-sistema interkonnessa.

4. Kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jipprovdi lill-utenti tas-sistema bl-informazzjoni li jeħtieġu għall-aċċess għas-sistema effiċjenti.

5. Fejn l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni huma responsabbli għall-bilanċjar tas-sistema tad-distribuzzjoni, ir-regoli adottati minnhom għal dak l-iskop għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, inklużi regoli għat-tariffi imposti lill-utenti tas-sistema għall-iskwilibrju tal-enerġija. It-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi r-regoli u t-tariffi, għall-proviżjoni ta' tali servizzi minn operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jiġu stabbiliti skont metodoloġija kompatibbli mal-Atikolu 40(6) b'mod mhux diskriminatorju u li jirrefletti l-ispejjeż u għandhom jiġu ppubblikati.

Artikolu 26

Separazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni

1. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni huwa parti minn impriża integrata vertikalment, huwa għandu jkun indipendenti minn attivitajiet ohra mhux relatati mad-distribuzzjoni mill-inqas f'termini tal-forma legali tiegħu, l-organizzazzjoni tiegħu u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. Dawk ir-regoli m'għandhomx jikkreaw obbligazzjoni li l-proprjetà tal-assi tas-sistema tad-distribuzzjoni tiġi sseparata mill-impriża integrata vertikalment.

2. Addizzjonalment għar-rekwiżiti tal-paragrafu 1, fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni huwa parti minn impriża integrata vertikalment, huwa għandu jkun indipendenti minn attivitajiet oħra mhux relatati mad-distribuzzjoni f'termini tal-organizzazzjoni tiegħu u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. Sabiex jintlaħaq dan, għandhom japplikaw l-kriterji minimi li ġejjin:

(a) dawk il-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni ma jistgħux jieħdu sehem fl-istrutturi tad-distribuzzjoni tal-impriża integrata tal-gass naturali responsabbli, direttament jew direttament, għall-operazzjoni ta' kuljum tal-produzzjoni, trasmissjoni u fornitura tal-gass naturali;

(b) għandhom jittieħdu miżuri adegwati biex jiġi aċċertat illi l-interessi professjonali tal-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jitqiesu b'mod li jaċċerta li huma kapaċi li jaġixxu b'mod indipendenti;

(c) l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jkollu drittijiet deċiżjonali effettivi, indipendentement mill-impriża integrata tal-gass naturali, rigward l-assi meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni jew żviluppar tan-networks. Sabiex jitwettqu dawn il-kompiti, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi meħtieġa, inklużi r-riżorsi umani, tekniċi, finanzjarji u fiżiċi. Dan m'għandux jipprevjeni l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adatti biex jiġi żgurat li d-drittijiet ta' superviżjoni ekonomiċi u amministrattiv tal-kumpanija ewlenija fir-rigward tal-qliegħ mill-assi, regolati indirettament taħt l-Artikolu 40(6), f'sussidjara jiġu protetti. B'mod partikolari, dan għandu jippermetti lill-kumpanija ewlenija tapprova l-pjan finanzjarju annwali, jew kwalunkwe strument ekwivalenti, tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u tistabbilixxi limiti globali fuq il-livelli ta' dejn tas-sussidjarja tagħha. Dan m'għandux jippermetti l-kumpanija ewlenija biex tagħti struzzjonijiet dwar il-ħidma ta' kuljum, u lanqas dwar deċiżjonijiet individwali dwar il-bini jew l-immodernizzar tal-linji ta' distribuzzjoni, li ma jkunux jaqbżu t-termini tal-pjan finanzjarju approvat, jew kwalunkwe strument ekwivalenti; u

(d) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jistabbilixxi programm ta' konformità, li jistabbilixxi miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li tkun eskluża mġiba diskriminatorja, u jiżgura li l-osservanza tiegħu tkun adegwatament sorveljata. Il-programm ta' konformita' għandu jistabbilixxi l-obbligazzjonijiet speċifiċi tal-impjegati li jiksbu dak il-għan. Għandu jiġi ppreżentat rapport annwali, li jistabbilixxi l-miżuri meħuda, mill-persuna jew l-entità responsabbli għas-sorveljanza tal-programm ta' konformità, l-uffiċjal għall-konformità tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni, lill-awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 38(1) u għandu jiġi ppubblikat. L-uffiċjal għall-konformità tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jkun kompletament indipendenti u għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha neċessarja dwar l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u dwar kwalunkwe impriża affiljata sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu.

3. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jifforma parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jiġi sorveljat sabex ma jkunx jista' japprofitta ruħu mill-integrazzjoni vertikali tiegħu biex ixekkel il-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni li huma integrati vertikalment m'għandhomx, fil-komunikazzjoni u l-branding, joħolqu konfużjoni fir-rigward tal-identità separata tal-fergħa ta' provvista tal-impriża integrata vertikalment.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1, 2 u 3 lil impriżi integrati tal-gass naturali li jservu inqas minn 100 000 klijent imqabbad.

Artikolu 27

Obbligi ta' kunfidenzjalità għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 jew kwalunkwe dmir legali biex l-informazzjoni tiġi żvelata, kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jippreżerva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba fil-kors tat-twettiq tal-kummerċ tiegħu, u għandu jipprevjeni informazzjoni dwar l-attivitajiet proprji li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża milli tiġi żvelata b'mod diskriminatorju.

2. L-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni m'għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-gass naturali minn impriżi relatati, jabbużaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba minn terzi fil-kuntest tal-fornitura jew negozjar tal-aċċess għas-sistema.

Artikolu 28

Operatur kombinat

L-Artikolu 26(1) m'għandux jipprevjeni l-ħidma ta' operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, LNG, ħżin u ta' distribuzzjoni kombinati sakemm *dan l-operatur* jikkonforma mal-Artikoli 9(1) jew, 14 u15 jew mal-Kapitolu IV jew jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 48(6).

KAPITOLU VI

Separazzjoni u trasparenza tal-kontijiet

Artikolu 29

Dritt ta' aċċess għall-kontijiet

1. L-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li huma jaħtru, inklużi l-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 38(1) u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni ta' disputi msemmija fl-Artikolu 33(3), għandhom, sa fejn meħtieġ biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, ikollhom dritt ta' aċċess għall-kontijiet tal-impriżi tal-gass naturali kif stabbilit fl-Artikolu 30.

2. L-Istati Membri u kwalunkwe awtorità kompetenti nominata, inklużi awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 38(1) u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni ta' disputi, għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-iżvelar ta' din l-informazzjoni fejn dan huwa meħtieġ sabiex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

Artikolu 30

Separazzjoni tal-kontijiet

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jaċċertaw li l-kontijiet tal-impriżi tal-gass naturali jinżammu taħt il-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu. Fejn l-impriżi tal-gass naturali jibbenifikaw minn deroga minn din id-dispożizzjoni abbażi tal-Artikolu 48(2) u (4), għandhom għall-inqas iżommu l-kontijiet interni tagħhom konformement ma' dan l-Artikolu.

2. L-impriżi tal-gass naturali, irrispettivament mis-sistema ta' proprjetà jew forma legali tagħhom, għandhom ifasslu, jissottomettu għall-verifika u jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom konformement mar-regoli tal-liġi nazzjonali dwar il-kontijiet annwali ta' kumpaniji b'respondabbiltà limitata adottata konformement mar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 44(2)(g) (*) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji ([1]).

L-impriżi li mhumiex legalment obbligati li jippubblikaw il-kontijiet ta' kull sena tagħhom għandhom iżommu kopja tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fl-uffiċċju ewlieni tagħhom.

3. L-impriżi tal-gass naturali għandhom, fil-kontijiet interni tagħhom, iżommu kontijiet separati għal kull waħda mill-attivitajiet tagħhom tat-trasmissjoni, tad-distribuzzjoni, tal-LNG u tal-ħżin kif ikunu meħtieġa li jagħmlu kieku l-attivitajiet in kwistjoni kellhom jitwettqu minn impriżi separati, bl-iskop li jiġu evitati d-diskriminazzjoni, is-sussidji inkroċati u distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għandhom ukoll iżommu kontijiet, li jistgħu jkunu konsolidati, għal attivitajiet oħrajn tal-gass li ma jirrelatawx għat-trasmissjoni, distribuzzjoni, LNG u ħżin. Sal-1 ta' Lulju 2007, għandhom iżommu kontijiet separati għall-attivitajiet tal-fornitura għall-klijenti eliġibbli u għall-attivitajiet tal-fornitura tal-klijenti mhux eliġibbli. L-introjtu minn proprjetà tan-network tat-trasmissjoni/tad-distribuzzjoni għandu jiġi speċifikat fil-kontijiet. Fejn xieraq, għandhom iżommu kontijiet konsolidati għal attivitajiet oħrajn mhux tal-gass. Il-kontijiet interni għandhom jinkludi balance sheet u kont ta' qligħ u telf għal kull attività.

4. Il-verifika, imsemmija fil-paragrafu 2, għandha, b'mod partikolari, tivverifika li l-obbligazzjoni li jiġu evitati d-diskriminazzjoni u s-sussidji inkroċati imsemmija fil-paragrafu 3, hija mħarsa.

5. L-impriżi għandhom jispeċifikaw fil-kontijiet interni tagħhom ir-regoli għall-allokazzjoni ta' assi u djun, spejjeż u introjtu kif ukoll għad-deprezzament, mingħajr preġudizzju għal regoli nazzjonali applikabbli dwar il-kontijiet, li jsegwi fl-għamla tal-kontijiet separati msemmija fil-paragrafu 3. Dawn ir-regoli interni jistgħu jiġu emendati biss f'każijiet eċċezzjonali. Dawn l-emendi għandhom jissemmew u jiġu debitament sostanzjati.

6. Il-kontijiet ta' kull sena għandhom jindikaw fin-noti kwalunkwe transazzjoni ta' ċertu daqs effettwata ma' impriżi relatati.

(*) It-Titolu tad-Direttiva 78/660/KEE ġie aġġustat biex jikkunsidra n-numerazzjoni mill-ġdid tal-Artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea skont l-Artikolu 12 tat-Trattat ta' Amsterdam; ir-referenza oriġinali kienet għall-Artikolu 54(3).

([1]) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

KAPITOLU VII

Organizzazzjoni ta' aċċess għas-sistema

Artikolu 31

Aċċess minn parti terza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tas-sistema ta' aċċess għal parti terza għas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni, u faċilitajiet tal-LNG abbażi ta' tariffi ppubblikati, applikabbli għall-klijenti eliġibbli kollha, inklużi l-impriżi ta' forniment u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn it-tariffi, jew il-metodoloġiji li jkunu sottostanti l-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ konformement mal-Artikolu 40 minn awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 38(1) u li dawk it-tariffi — u l-metodoloġiji, fejn il-metodoloġiji biss ikunu approvati — jiġu ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

2. L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom ikollhom aċċess għan-network ta' operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni oħrajn, jekk dan ikun meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom inkluż f'relazzjoni ma' trasmissjoni transkonfinali.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx jipprevjenu l-konklużjoni ta' appalti fit-tul sa fejn dawn iħarsu r-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni.

Artikolu 32

Aċċess għall-ħażna

1. Għall-organizzazzjoni tal-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin u linepack fejn teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa għall-provvediemnt ta' aċċess effiċjenti għas-sistema għall-fornitura tal-klijenti, kif ukoll għall-organizzazzjoni tal-aċċess għas-servizzi anċillari, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu waħda mill-proċeduri msemmija fil-paragrafi 3 u 4 jew it-tnejn li huma. Dawn il-proċeduri għandhom joperaw skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u jippubblikaw il-kriterji skont liema jista' jiġi ddeterminat jekk l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin u l-linepack humiex teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa biex jipprovdu aċċess effiċjenti għas-sistema għall-forniment tal-klijenti. L-Istati Membri għandhom joħorġu fil-pubbliku, jew inkella jobbligaw lill-operaturi tas-sistema ta' ħżin u lill-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni li jagħmlu pubbliku, liema faċilitajiet tal-ħżin u liema linepack huma offruti konformement mal-proċeduri differenti msemmija fil-paragrafi 3 u 4.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal servizzi anċillari u ħażna temporanja relatati ma' faċilitajiet tal-LNG u huma meħtiepa għall-proċess tal-gassifikazzjoni mill-ġdid u konsenja sussegwenti għas-sistema tat-trasmissjoni.

3. Fil-każ ta' aċċess negozjat, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti eliġibbli kollha kemm ġewwa jew barra mit-territorju kopert mis-sistema interkonnessa biex ikunu jistgħu jinnegozjaw aċċess għall-faċilitajiet ta' ħażna u l-linepack, meta teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa għall-provvediment ta' aċċess effiċjenti għas-sistema, kif ukoll għall-organizzazzjoni tal-aċċess għal servizzi oħrajn anċillari. Il-partijiet għandhom jiġu obbligati li jinnegozjaw, bona fide, l-aċċess għall-ħażna, linepack u servizzi oħrajn anċillari.

Appalti għall-aċċess għall-ħażna, linepack u servizzi oħrajn anċillari għandhom jiġu negozjati mal-operatur relevanti tas-sistema tal-ħżin jew mal-impriża relevanti tal-gass naturali. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin u l-impriżi tal-gass naturali jippubblikaw il-kondizzjonijiet kummerċjali ewlenin għall-użu tal-ħażna, linepack u servizzi oħrajn anċillari sa … (*) u fuq bażi annwali kull sena wara.

4. Fil-każ ta' aċċess regolat, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jagħtu lill-impriżi tal-gass naturali u lill-klijenti eliġibbli kemm ġewwa kif ukoll barra mit-territorju kopert mis-sistema interkonnessa dritt għall-aċċess għall-ħażniet, linepack u servizzi oħrajn anċillari, a bażi ta' tariffi u/jew termini u obbligazzjonijiet oħrajn pubblikati għall-użu ta' dawk il-ħażniet u l-linepack, fejn teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa biex jingħata aċċess effiċjenti għas-sistema, kif ukoll għall-organizzazzjoni tal-aċċess għal servizzi oħrajn anċillari. Dan id-dritt ta' aċċess għall-klijenti eliġibbli jista' jingħata billi jiġu permessi li jdħlu fkuntratti ta forniment ma impriżi tal-gass naturali li huma kompetituri minbarra l-proprjetarju u/jew l-operatur tas-sistema u/jew impriża relatata.

Artikolu 33

Aċċess għall-upstream pipeline networks

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jaċċertaw illi l-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti eliġibbli, kull fejn jinsabu, jistgħu jiksbu aċċess għall-upstream pipeline networks, li jinkludu faċilitajiet li jipprovdu servizzi tekniċi inċidentali għal tali aċċess, konformement ma' dan l-Artikolu, ħlief għall-partijiet ta' dawn in-networks u l-faċilitajiet li jintużaw għall-operazzjonijiet ta' produzzjoni lokali fil-post ta' kamp fejn il-gass jiġi prodott. Il-miżuri għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 53.

2. L-aċċess imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata b'mod determinat mill-Istat Membru konformement mal-istrumenti legali relevanti. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-għanijiet ta' aċċess imparzjali u miftuħ, il-kisba ta' suq kompetittiv fil-gass naturali u l-evitar ta' kwalunkwe abbuż minn pożizzjoni dominanti, filwaqt li jqisu is-sigurtà u r-regolarità tal-provvisti, il-kapaċità li raġonevolment tista' tkun disponibbli u l-protezzjoni tal-ambjent. Dawn li ġejjin jistgħu jiġu meqjusa:

(a) il-ħtieġa li jiġi rrifjutat l-aċċess fejn hemm inkompatibilità ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li ma jistgħux jiġu megħluba b'mod raġonevoli;

(b) il-ħtieġa li jiġu evitati diffikultajiet li ma jistgħux jiġu megħluba b'mod raġonevoli u jistgħu jippreġudikaw il-produzzjoni effiċjenti, preżenti u ppjanata fil-futur tal-hydrocarbons, inklużi dawk minn oqsma ta' vijabbiltà ekonomika marġinali;

(c) il-ħtieġa li tirrispetta l-ħtiġijiet raġjonevoli u debitament sostanzjati tal-proprjetarju jew operatur tan-network ta' linji ta' pajpijiet upstream għat-trasport u l-pproċessar ta' gass u l-interessi tal-utenti l-oħra kollha tar-retikolat ta' linji ta' pajpijiet upstream jew faċilitajiet relevanti ta' proċessar jew maniġġjar li jistgħu jiġu effettwati; u

(d) il-ħtieġa li japplikaw il-liġijiet u l-proċeduri amministrattivi tagħhom, konformement mal-liġi Komunitarja, għall-għotja ta' awtorizzazzjoni għall-produzzjoni jew għall-iżvilupp upstream.

3. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw illi għandhom arranġamenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi, li jinkludu awtorità indipendenti mill-partijiet li għandha aċċess għall-informazzjoni relevanti kollha, biex id-disputi rigward l-aċċess għall-upstream pipeline networks jistgħu jiġu riżolti malajr, filwaqt li jittieħed kont tal-kriterji fil-paragrafu 2 u n-numru ta' partijiet li jistgħu jkunu involuti fin-negozjar tal-aċċess għal dawn in-networks.

4. F'każ ta' disputa transkonfinali, għandhom jiġu applikati l-arranġamenti ta' riżoluzzjoni ta' disputi għall-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni fuq l-upstream pipeline network li jiċħad aċċess. Fejn, f'disputa transkonfinali, aktar minn Stat Membru wieħed ikopri n-network konċernat, l-Istat Membru konċernat għandu jikkonsulta bil-ħsieb li jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu applikati b'mod konsistenti.

Artikolu 34

Rifjut tal-aċċess

1. L-impriżi tal-gass naturali jistgħu jirrifjutaw l-aċċess għas-sistema abbażi ta' nuqqas ta' kapaċità jew fejn l-aċċess għas-sistema ma tħallihomx iwettqu l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku msemmija fl-Artikolu 3(2) li ġew assenjati lilhom jew a bażi ta' diffikultajiet gravi ekonomiċi u finanzjarji b'kuntratti "take-or-pay" wara li jkunu kkunsidraw il-kriterji u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 47 u l-alternattiva magħżula mill-Istat Membru taħt il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu. Għandhom jingħataw raġunijiet debitament sostanzjati għal tali rifjut.

2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jaċċertaw illi l-impriża tal-gass naturali li tirrifjuta l-aċċess għas-sistema abbażi ta' nuqqas ta' kapaċità jew nuqqas ta' konnessjoni tagħmel it-titjib meħtieġ sa fejn huwa ekonomiku li tagħmel dan jew fejn klijent potenzjali huwa lest li jħallas għalihom.F'ċirkostanzi fejn l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 4(4), l-Istati Membri għandhom jieħdu tali miżuri.

Artikolu 35

Infrastruttura ġdida

1. Infrastrutturi maġġuri ġodda tal-gass, jiġifieri interkonnetturi, faċilitajiet ta' ħżin u ta' LNG jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati, għal perijodu ta' żmien limitat, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 9, 31, 32u 33, u l-Artikoli 40(6), (7) u (8) taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-investiment għandu jtejjeb il-kompetizzjoni fil-fornitura tal-gass u jtejjeb is-sigurtà tal-fornitura;

(*) 6 xhur wara l-iskadenza tal-implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1) tad-Direttiva 2003/55/KE.

(b) il-livell tar-riskju għall-investiment huwa tali li l-investiment ma jsirx kemm-il darba ma tingħatax eżenzjoni;

(c) l-infrastruttura għandha tkun il-proprjetà ta' persuna naturali jew legali li hija separata għall-inqas f'termini tal-forma legali tagħha, mill-operatur tas-sistema li fis-sistemi tiegħu sejra tinbena dik l-infrastruttura;

(d) id-drittjiet jiġu imposti fuq l-utenti ta' dik l-infrastruttura;

(e) l-eżenzjoni m'hix detrminetali għall-kompetizzjoni jew għall-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass naturali jew il-funzjonament effettiv tas-sistema regolata li l-infrastruttura hija mqabbda magħha.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika ukoll għal żidiet sinifikanti fil-kapaċità ta' infrastrutturi eżistenti u għal modifiki ta' tali infrastrutturi li jippermettu l-iżvilupp ta' sorsi ġodda tal-fornitura tal-gass.

3. L-awtorità regolatorja msemmija fil-Kapitolu VIII tista', fejn ikun il-każ, tiddeċiedi dwar l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. Fejn l-infrastruttura konċernata tkun tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija għandha teżerċita l-kompiti konferiti lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri konċernati minn dan l-Artikolu. Dan madanakollu għandu japplika biss:

(a) meta l-awtoritajiet regolatorji konċernati ma jkunx irnexxiehom jilħqu ftehim fi żmien perijodu ta' sitt xhur mid-data li fiha tkun intalbet l-eżenzjoni quddiem l-aħħar waħda mill-awtoritajiet regolatorji; jew

(b) fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji konċernati.

L-awtoritajiet regolatorji konċernati jistgħu jitolbu konġuntament li l-perijodu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu jkun estiż b'perijodu massimu ta' sitt xhur.

5. Eżenzjoni tista' tkopri l-kapaċità kollha jew parti minnha tal-infrastruttura l-ġdida, jew tal-infrastruttura eżistenti b'kapaċità miżjuda b'mod sinifikanti.

Meta tittieħed deċiżjoni li tingħata eżenzjoni, għandu jitqies, fuq bażi ta' kull każ individwalment, għall-ħtieġa li jiġu imposti l-kondizzjonijiet rigward id-durata tal-eżenzjoni u l-aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura. Meta tittieħed deċiżjoni rigward dawk il-kondizzjonijiet, għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-kapaċità żejda li għandha tinbena jew il-modifika tal-kapaċità eżistenti, il-medda ta' żmien prevista għall-proġett u ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

Qabel tagħti eżenzjoni l-awtorità regolatorja għandha tiddeċiedi dwar ir-regoli u l-mekkaniżmi għall-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità. Ir-regoli għandhom jesiġu li l-utenti kollha potenzjali tal-infrastruttura jkunu mistidnin jindikaw l-interess tagħhom fil-kapaċità tal-kuntrattar qabel ma tiġi allokata l-kapaċità għall-infrastruttura l-ġdida, inkluż għall-użu proprju. L-awtorità regolatorja għandha tesiġi li r-regoli għall-ġestjoni tal-konġestjoni jinkludu l-obbligu li tinbiegħ kapaċità ġdida fis-suq, u għandha tesiġi li l-utenti tal-infrastruttura jkunu intitolati jikkummerċjalizzaw il-kapaċitjiet kuntrattati tagħhom fuq is-suq sekondarju. Fl-analiżi tagħha tal-kriterji msemmija fil-punti (a), (b) u (e) tal-paragrafu 1, l-awtorità regolatorja għandha tqis ir-riżultati tal-proċedura tal-allokazzjoni ta' kapaċità.

Id-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, li tinkludi kwalunkwe mill-kondizzjonijiet imsemmija fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandha tkun motivata u ppubblikata kif jixraq.

6. Minkejja l-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jipprovedu li l-awtorità regolatorja jew l-Aġenzija, fejn ikun il-każ, għandha tissottometti, għal deċiżjoni formali, lill-korp relevanti fl-Istat Membru l-opinjoni tagħhom dwar it-talba għal eżenzjoni. Din l-opinjoni għandha tiġi pubblikata flimkien mad-deċiżjoni.

7. L-awtorità regolatorja għandha tibgħat lill-Kummissjoni minnufih kopja ta' kull talba għal eżenzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien, mill-awtorità kompetenti lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha rigward id-deċiżjoni. Din l-informazzjoni tista' tingħata lill-Kummissjoni f'forma aggregata, li tippermetti lill-Kumissjoni tasal għal deċiżjoni fuq bażi tajba. B'mod partikolari, l-informazzjoni għandu jkun fiha:

(a) ir-raġunijiet dettaljat li abbażi tagħhom l-awtorità regolatorja, jew l-Istat Membru, ta eżenzjoni, inkluża l-informazzjoni finanzjarja li tiġġustifika l-ħtieġa għall-eżenzjoni;

(b) l-analiżi li tikun saret dwar l-effett fuq il-kompetizzjoni u l-operat effettiv tas-suq intern tal-gass li jirriżultaw mill-għotja tal-eżenzjoni;

(c) ir-raġunijiet għall-perijodu ta' żmien u s-sehem tal-kapaċità totali tal-infrastruttura tal-gass in kwistjoni li għaliha ngħatat l-eżenzjoni;

(d) f'każ li l-eżenzjoni tirrigwarda interkonnettur, ir-riżultat tal-konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji konċernati;

(e) il-kontribut tal-infrastruttura għad-diversifikazzjoni tal-fornitura tal-gass.

8. Fi żmien xahrejn li jibdew fil-jum tar-riċezzjoni tan-notifika, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li tesiġi li l-awtorità regolatorja temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tingħata eżenzjoni. Dak il-perijodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'perijodu addizzjonali ta' xahrejn fejn il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni addizzjonali. Dak il-perijodu addizzjonali għandu jibda l-għada tar-riċezzjoni tal-informazzjoni kompleta. Il-perijodu inizjali ta' xahrejn jista' jiġi estiż ukoll bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità regolatorja.

Meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx ġiet provvduta fil-perijodu stipulat fit-talba, in-notifika għandha titqies li ġiet irtirata jekk, sakemm qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, dan ma jkunx ġie estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità regolatorja, u sakemm l-awtorità regolatorja, fi stqarrija debitament raġunata, ma tkunx informat lill-Kummissjoni li tikkunsidra li n-notifika hija kompluta.

L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni ta' eżenzjoni fi żmien xahar, u għandha tinforma lill-Kummissjoni kif ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tippreżerva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ta' deċiżjoni dwar eżenzjoni m'għandhiex tibqa' fis-seħħ sentejn wara l-adozzjoni tagħha jekk, sa dak iż-żmien, il-bini tal-infrastruttura ma jkunx għadu beda, u ħames snin wara l-adozzjoni tagħha jekk, l-infrastruttura ma tkunx saret operattiva.

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tistipula l-proċedura li għandha tkun segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 3, 5, 7 u 8 ta' dan l-Artikolu. Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 50(3).).

Artikolu 36

Ftuħ tas-suq u reċiproċità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti eliġibbli huma:

(a) sal-1 ta' Lulju 2004, il-klijenti eliġibbli kif speċifikat fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali ([1]). L-Istati Membri għandhom jippubblikaw sal-31 ta' Jannar kull sena il-kriterji għad-definizzjoni ta' dawn il-klijenti eliġibbli;

(b) mill-1 ta' Lulju 2004, il-klijenti mhux domestiċi kollha;

(c) mill-1 ta' Lulju 2007, il-klijenti kollha.

2. Biex jiġi evitat l-iskwilibrju fil-ftuħ tas-swieq tal-gass:

(a) appalti għall-fornitura ma' klijent eliġibbli f'sistema ta' Stat Membru ieħor m'għandhomx jiġu pprojbiti jekk il-klijent huwa eliġibbli fiż-żewġ sistemi involuti; u

(b) fejn it-transazzjonijiet kif deskritti fil-punt (a) jiġu rifjutati minħabba li l-klijent huwa eliġibbli biss f'waħda miż-żewġ sistemi, il-Kummissjoni tista', filwaqt li tqis is-sitwazzjoni fis-suq u l-interess komuni, tobbliga lill-parti li qed jirrifjuta li tesegwwixxi t-talba għall-fornitura, fuq it-talba ta' wieħed mill-Istati Membri taż-żewġ sistemi.

Artikolu 37

Linji diretti

1. l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jippermettu:

(a) lill-impriżi tal-gass naturali stabbiliti fit-territorji tagħhom li jipprovdu lill-klijenti eliġibbli permezz ta' linja diretta; u

(b) kwalunkwe klijent eliġibbli fit-territorju tagħhom li jiġi pprovdut permezz ta' linja diretta minn impriżi tal-gass naturali.

2. F'ċirkostanzi fejn hija meħtieġa awtorizzazzjoni (eż. liċenzja, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni) għall-kostruzzjoni jew l-operazzjoni ta' linji diretti, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti li jinnominaw għandhom jistabbilixxu l-kriterji għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni jew l-operazzjoni ta' tali linji fit-territorju tagħhom. Dawn il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni, għall-kostruzzjoni ta' linja diretta, li tkun suġġetta għar-rifjut tal-aċċess għas-sistema abbażi tal-Artikolu 34 jew għall-ftuħ ta' proċedura għar-riżoluzzjoni ta' disputi taħt l-Artikolu 40.

KAPITOLU VIII

Awtoritajiet regolatorji nazzjonali

Artikolu 38

Ħatra u indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità regolatorja nazzjonali waħda fil-livell nazzjonali.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħatra ta' awtoritajiet regolatorji oħrajn fil-livell reġjonali fl-Istati Membri, sakemm ikun hemm rappreżentant għall-finijiet ta' rappreżentanza u kuntatt fil-livell Komunitarju fil-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija konformement mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru …/2009.

3. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru jista' jaħtar awtoritajiet regolatorji għal sistemi żgħar fuq reġjun ġeografikament separat li fis-sena 2008 jkollu konsum ta' anqas minn 3 % tal-konsum totali tal-Istat Membru li minnu jagħmel parti. Din id-deroga għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-ħatra ta'rappreżentant wieħed għall-finijiet ta' rappreżentanza u kuntatt fil-livell Komunitarju fil-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija konformement mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru …/2009.

4. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji u jiżguraw li dawn jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fit-twettiq tal-kompiti regolatorji mogħtija lilha minn din id-Direttiva u mil-leġislazzjoni relatata, l-awtorità regolatorja:

(a) *tkun* legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra;

(b) *ti*żgura li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha:

(i) jaġixxu b'mod indipendenti minn kwalunkwe interess tas-suq; u

(ii) ma jitolbu jew jieħdu struzzjonijiet diretti mill-ebda gvern jew entità pubblika jew privata oħra fit-twettiq tal-kompiti regolatorji. Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għall-koperazzjoni mill-qrib, fejn ikun il-każ, ma' awtoritajiet nazzjonali oħra relevanti jew għal linji gwida ġenerali ta' politika maħruġa mill-gvern li ma jkunux relatati mad-dmirijiet u setgħat regolatorji taħt l-Artikolu 40.

([1]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 1.

5. Sabiex tkun protetta l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li:

(a) l-awtoritajiet regolatorji jistgħu jieħdu deċiżjonijiet awtonomi, b'mod indipendenti minn kwalunkwe entità politika, u jkollhom awtonomija fl-implimentazzjoni tal-baġit, u riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom,

(b) il-persunal tat-tmexxija għoljatal-awtorita' regolatorja jinħatar għal mill-anqas ħames snin, u jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu biss matul il-mandat tiegħu jekk ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jew minħabba li jkun ħati ta' kondotta serjament skorretta taħt il-liġi nazzjonali.

Artikolu 39

Objettivi ġenerali tal-awtoritajiet regolatorji

Fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jinkisbu l-objettivi li ġejjin fil-qafas tal-kompiti u s-setgħat tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 40, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali relevanti oħra, fejn ikun il-każ, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom:

(a) il-promozzjoni, f'koperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzij, l-awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri oħrajn u l-Kummissjoni, ta' suq intern tal-gass naturali li jkun kompetittiv, sikur u ambjentalment sostenibbli fi ħdan il-Komunità, u ftuħ effettiv fis-suq għall-klijenti u l-forniturі kollha tal-Komunità;

(b) l-iżvilupp ta' swieq reġjonali kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb fil-Komunità sabiex jinkiseb l-għan imsemmi fil-punt (a);

(c) l-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tal-gass naturali bejn l-Istati Membri, inkluż l-iżvilupp ta' kapaċitajiet adatti ta' trasmissjoni transkonfini biex tiġi sodisfatta d-domanda u tittejjeb l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali li jistgħu jiffaċilitaw il-flussi tal-gass naturali fil-Komunità;

(d) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' sistemi mhux diskriminatorji li jkunu sikuri, affidabbli u effiċjenti kif ukoll ta' adegwatezza tas-sistema;

(e) il-faċilitazzjoni għall-aċċess lil kapaċità ta' produzzjoni ġdida għan-network, b'mod partikolari it-tneħħija ta' ostakoli li jistgħu jipprevjenu l-aċċess ta' parteċipanti ġodda fis-suq;

(f) li jiġi żgurat li l-operaturi u l-utenti tas-sistema jingħataw inċentivi adegwati, kemm għall-perijodu qasir kif ukoll għal dak fit-tul, sabiex tiżdied l-effiċjenza fil-prestazzjoni tas-sistemau titrawwem l-integrazzjoni tas-suq;

(g) li jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tas-suq nazzjonali tagħhom, u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u protezzjoni tal-konsumatur;

(h) il-kontribut għal standards għolja ta' servizz pubbliku għall-gass naturali, il-protezzjoni ta' konsumaturi vulnerabbli, u l-kontribut għall-effikaċja tal-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur stabbiliti fl-Anness A;

Artikolu 40

Dmirijiet u setgħat tal-awtoritajiet regolatorji

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom id-dmirijiet li ġejjin:

(a) li jiżguraw il-konformità tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u distribuzzjoni, u, meta dan ikun relevanti, il-proprjetarji tas-sistema, kif ukoll kwalunkwe impriża tal-gass naturali, mal-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva u taħt leġiżlazzjoni relevanti oħra tal-Komunità, inkluż f'dak li jirrigwarda l-kwistjonijiet transkonfinali;

(b) jikkoperaw fir-rigward ta' kwistjonijiet transkonfinali mal-awtorità regolatorja jew l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri konċernati;

(c) jikkonformaw ma', u jimplimentaw, kwalunkwe deċiżjoni legalment obbligatorja relevanti tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni;

(d) jirrapportaw kull sena lill-awtoritajiet relevanti tal-Istati Membri, lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni dwar l-attività tagħhom u dwar il-qadi ta' dmirijiethom. Dan ir-rapport għandu jkopri l-passi kollha li ttieħdu u r-riżultati li nkisbu fir-rigward ta' kull wieħed mill-kompiti elenkati f'dan l-Artikolu;

(e) jiżguraw li ma jkunx hemm sussidji inkroċati bejn it-trasmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin, l-LNG u l-attivitajiet talforniment;

(f) jissorveljaw il-pjanijiet ta' investiment tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni, u jipprovdu fir-rapport annwali tagħhom valutazzjoni tal-pjan ta' investiment tal-operaturi tassistema ta' trasmissjoni fir-rigward tal-konsistenza tiegħu mal-pjan mhux obbligatorju ta' 10 snin għall-iżvilupp fil-Komunità kollha tan-network taħt l-Artikolu 8(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru …/2009;

(g) jissorveljaw il-konformità mar-regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà tan-network u jissorveljaw l-istandards u r-rekwiżiti għall-kwalità tas-servizz tan-network;

(h) jissorveljaw il-livell ta' trasparenza u, jiżguraw il-konformità mal-obbligi ta' trasparenza min-naħa tal-impriżi tal-gass naturali;

(i) jissorveljaw il-livell ta' ftuħ tas-suq u ta' kompetizzjoni fil-livelli tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, inklużi l-iskambji tal-gass naturali, il-prezzijiet għall-klijentidomestiċi, ir-rati għall-bdil, ir-rati biex skonnessjoni u lmenti ta' klijenti domestiċi, kif ukoll kwalunkwe distorsjoni jew restrizzjoni tal-kompetizzjoni, anke billi jipprovdu kull informazzjoni relevanti, filwaqt li jgħaddu kwalunkwe każ relevanti għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-kompetizzjoni;

(j) jissorveljaw iż-żmien li jittieħed mill-operaturi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni biex isiru konnessjonijiet u tiswijiet;

(k) jissorveljaw u jirrivedu l-kondizzjonijiet tal-aċċess għall-ħażna, linepack u servizzi oħrajn anċillari kif previst fl-Artikolu 32. F'każ li r-reġim ta' aċċess għall-ħażna huwa definit taħt l-Artikolu 32(3), dan il-kompitu għandu jeskludi r-reviżjoni tat-tariffi.

(l) jippubblikaw rakkomandazzjonijiet, għall-anqas kull sena, dwar il-konformità tat-tariffi tal-provvista mal-Artikolu 3;

(m) jiżguraw l-aċċess għad-data dwar il-konsum tal-klijent, il-forniment għal użu fakultattiv, ta' format armonizzat fil-livell nazzjonali għad-data dwar il-konsum u l-aċċess għad-data taħt il-punt (h) tal-Anness I;

(n) jissorveljaw l-implimentazzjoni tar-regoli marbuta mar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni, tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, il-fornituri u l-klijenti u ta' partijiet oħrajn fis-suq konformement mar-Regolament (KE) Nru …/2009;

(o) jissorveljaw l-applikazzjoni tajba tal-kriterji li jiddeterminaw jekk faċilità ta' ħżin taqax taħt l-Artikolu 32(3) jew 32(4); u

(p) jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja kif imsemmi fl-Artikolu 45.

2. Meta Stat Membru jagħmel provvediment għal dan, id-dmirijiet ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitwettqu minn awtoritajiet oħra diversi mill-awtorità regolatorja F'tali każ, l-informazzjoni li tirriżulta minn din is-sorveljanza għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità regolatorja kemm jista' jkun malajr.

Filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom stess u b'mod konsistenti mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, l-awtoritajiet regolatorji għandhom, fejn ikun il-każ, jikkonsultaw mal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u, fejn ikun il-każ, jikkoperaw mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali relevanti oħra fit-twettiq tad-dmirijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

Kwalunkwe approvazzjoni mogħtija minn awtorità regolatorja jew mill-Aġenzija taħt din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe użu futur debitament ġustifikat tas-setgħat tagħhom mill-awtoritajiet regolatorji taħt dan l-Artikolu jew għal kwalunkwe penali imposta minn awtoritajiet relevanti oħra jew mill-Kummissjoni.

3. Addizzjonalment għad-dmirijiet mogħtija lilhom taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta operatur ta' sistema indipendenti jkun ġie maħtur taħt l-Artikolu 14, l-awtoritajiet regolatorji għandhom:

(a) jissorveljaw il-konformità tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u tal-operatur tas-sistema indipendenti mal-obbligi tagħhom taħt dan l-Artikolu, u jimponu penali għan-nuqqas ta' konformità taħt il-punt (d) tal-paragrafu 4;

(b) jissorveljaw ir-relazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet bejn l-operatur tas-sistema indipendenti u l-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-operatur tas-sistema indipendenti mal-obbligi tiegħu, u b'mod partikolari għandhom japprovaw kuntratti u jaġixxu bħala l-awtorità għar-riżoluzzjoni ta' disputi bejn l-operatur tas-sistema indipendenti u l-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni fir-rigward ta' kwalunkwe lment imressaq minn kwalunkwe wieħed minnhom taħt il-paragrafu 9;

(c) mingħajr preġudizzju għall-proċedura taħt l-Artikolu 14(2)(c), għall-ewwel pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network, japprovaw l-ippjanar tal-investimenti u l-pjan pluriennali għall-iżvilupp tan-network preżentati fuq bażi annwali mill-operatur tas-sistema indipendenti;

(d) jiżguraw li t-tariffi tal-aċċess għan-network miġbura minn operaturi tas-sistema indipendenti jkunu jinkludu remunerazzjoni għall-proprjetarju jew proprjetarji tan-network li jippreveduu remunerazzjoni adegwata tal-użu tal-assi tan-network u ta' kwalunkwe investiment ġdid fihom, sakemm ikunu magħmula ekonomikament u b'mod effiċjenti; u

(e) ikollhom s-setgħat li jwettqu ispezzjonijiet, inklużi uħud mhux imħabbra fil-bini tal-proprjetarju tas-sistema ta' trasmissjoni u tal-operatur tas-sistema indipendenti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji jingħatawlhom is-setgħat li jippermettulhom iwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 6 b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom għall-anqas dawn is-setgħat:

(a) li jimponu deċiżjonijiet obbligatorji fuq l-impriżi tal-gass naturali;

(b) li jwettqu investigazzjonijiet fil-funzjonament tas-swieq tal-gass, u li jiddeċiedu u jimponu kwalunkwe miżura neċessarja u proporzjonata għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq. Fejn ikun opportun, l-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom ukoll is-setgħa li jikkoperaw mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew mal-Kummissjoni fit-twettiq ta' investigazzjoni relatata mal-liġi tal-kompetizzjoni;

(c) li jesiġu kwalunkwe informazzjoni mill-impriżi tal-gass naturali li tkun relevanti għall-qadi tad-dmirijiet tagħhom;

(d) li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq impriżi tal-gass naturali li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva jew kwalunkwe deċiżjoni relevanti legalment obbligatorja tal-awtoritajiet regolatorji jew tal-Aġenzija, jew li jippproponu lil qorti kompetenti li timponi dawn is-sanzjonijiet. Dan għandu jinkludi s-setgħa li jimponu, jew li jippproponu l-impożizzjoni ta' penali sa 10 % tal-fatturat annwali tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni fuq l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew sa 10 % tat-turnover annwali tal-impriża integrata vertikalment fuq l-impriża integrata vertikalment, fejn ikun il-każ, għal nonkonformità mal-obbligi rispettivi tagħhom taħt din id-Direttiva;

(e) li jkollhom id-drittijiet adatti ta' investigazzjoni, u setgħat relevanti biex jagħtu istruzzjonijiet għar-riżoluzzjoni ta' disputi taħt l-Artikoli 9 u 10.

5. Addizzjonalment għad-dmirijiet mogħtija u s-setgħat konferiti lilhom taħt il-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, meta operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jkun inħatar taħt il-Kapitolu V, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jingħataw għall-anqas id-dmirijiet u s-setgħat li ġejjin:

(a) li jimponu penali taħt il-punt (d) tal-paragrafu 4 għal kondotta diskriminatorja favur l-impriża integrata vertikalment;

(b) jissorveljaw il-komunikazzjonijiet bejn l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni u l-impriża integrata vertikalment sabiex tkun żgurata l-konformità tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni mal-obbligi tiegħu;

(c) jaġixxu bħala awtoritajiet għar-riżoluzzjoni ta' disputi bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni fir-rigward ta' kull ilment preżentat taħt il-paragrafu 9;

(d) jissorveljaw ir-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji inkluż is-self bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni;

(e) japprovaw kull relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni bil-kondizzjoni li dawn jikkonformaw mal-kondizzjonijiet tas-suq;

(f) jesiġu ġustifikazzjoni mill-impriża integrata vertikalment meta jiġu notifikati mill-uffiċjal għall-konformità taħt l-Artikolu 21(4). Din il-ġustifikazzjoni għandha tinkludi partikolarment l-evidenza li ma seħħet ebda kondotta diskriminatorja għall-vantaġġ tal-impriża integrata vertikalment;

(g) iwettqu ispezzjonijiet, inklużi dawk mhux imħabbra, fuq il-post tal-impriża integrata vertikalment u tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni;

(h) jassenjaw il-kompiti kollha jew dawk speċifiċi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni lil operatur tas-sistema indipendenti maħtur taħt l-Artikolu 14 f'każ ta' ksur persistenti mill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni tal-obbligi tiegħu taħt din id-Direttiva, partikolarment fil-każ ta' kondotta diskriminatroja ripetuta għall-benefiċċju tal-impriża integrata vertikalment.

6. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu responsabbli biex jistipulaw jew japprovaw qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, mill-inqas il-metodoloġiji użati għall-kalkolu jew l-istabbiliment tat-termini u l-kondizzjonijiet għal:

(a) il-konnessjoni u l-aċċess għan-networks nazzjonali, inklużi tariffi tat-trasmissjoni u tad-distribuzzjoni, u termini, kondizzjonijiet u tariffi għall-aċċess għall-faċilitajiet LNG. Dawn it-tariffi, jew metodoloġiji għandhom jippermettu l-investimenti meħtieġa fin-networks u faċilitajiet LNG li jsiru b'mod li jippermetti lil dawn l-investimenti li jaċċertaw il-vijabbiltà tan-networks u tal-faċilitajiet LNG;

(b) il-forniment ta' servizzi ta' bilanċjar.

7. Meta jkunu qed jistipulaw jew japprovaw it-tariffi jew il-metodoloġiji, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni jingħataw inċentiva adatta, kemm fil-perijodu qasir kif ukoll għal fit-tul, biex iżidu l-effiċjenzi, irawmu l-integrazzjoni tas-suq u s-sigurtà tal-provvista u jappoġġjaw l-attivitajiet ta' riċerka relatati.

8. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom l-awtorità li jesiġu li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni, tal-ħżin, tal-LNG, jekk hekk ikun meħtieġ, jimmodifikaw it-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi t-tariffi u l-metodoloġiji msemmija f'dan l-Artikolu, biex jiżguraw li jkunu proporzjonati u applikati b'mod mhux diskriminatorju. F'każ li r-reġim ta' aċċess għall-ħażna jiġi definit taħt l-Artikolu 32(3), dan il-kompitu għandu jinkludi l-modifika tat-tariffi.

9. Kwalunkwe parti li jkollha lment kontra operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, ħżin, LNG jew distribuzzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 8 tista' tirriferi l-ilment lill-awtoritajiet regolatorji li, waqt li jaġixxu bħala l-awtoritajiet għar-riżoluzzjoni tad-disputi, għandhom jagħtu deċiżjoni fi żmien xahrejn wara li jkunu rċevew l-ilment. Dan il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahrejn fejn tintalab aktar informazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji. Dan il-perijodu jista' jiġi estiż bil-ftehim tal-persuna li tkun għamlet l-ilment. Id-deċiżjoni tal-awtorita' regolatorja għandha jkollha effett obbligatorju kemm-il darba u sakemm tiġi rrevokata b'appell.

10. Kwalunkwe parti li tintlaqat u li jkollha d-dritt li tressaq ilment dwar deċiżjoni fuq metodoloġiji meħuda konformement ma' dan l-Artikolu jew, fejn l-awtoritajiet regolatorji jkollhom l-obbligu li jikkonsultaw dwar il-metodoloġiji proposti, tista', minn għall-anqas fi żmien xahrejn, jew f'perijodu iqsar kif deċiż mill-Istati Membri, wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew il-proposta għad-deċiżjoni, tressaq ilment għar-reviżjoni. Tali lment m'għandux ikollu effett sospensiv.

11. L-Istati Membri għandhom joħolqu mekkaniżmi xieraq u effiċjenti għar-regolament, kontroll u trasparenza sabiex jiġi evitat abbuż ta' pożizzjoni dominanti, b'mod partikolari bi żvantaġġ għall-konsumaturi, u kwalunkwe aġir predatorju. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu.

12. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li jittieħdu l-passi adegwati, inklużi azzjoni amministrativa jew proċeduri kriminali b'mod konformi mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni naturali jew legali responsabbli fejn ir-regoli tal-kunfidenzjalità imposti minn din id-Direttiva ma jkunux ġew rispettati.

13. L-ilmenti msemmija fil-paragrafi 9 u 10 għandhom ikunu bla ħsara għall-eżerċitu tad-drittijiet tal-appell taħt il-liġi Komunitarja u/jew il-liġi nazzjonali.

14. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu raġunati u ġustifikati sabiex jippermettu reviżjoni ġudizzjarja.

15. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi adegwati fuq livell nazzjonali li bihom parti affettwata minn deċiżjoni ta' awtorità regolatorja jkollha d-dritt għall-appell lil entità indipendenti mill-partijiet involuti.

Artikolu 41

Reġim regolatorju għal kwistjonijiet transkonfini

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkoperaw mill-qrib u jikkonsultaw ma' xulxin, u għandhom jipprovdu lil xulxin u lill-Aġenzija bi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom taħt id-Direttiva. Fir-rigward tal-informazzjoni skambjata, l-awtorità li tirċievi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħal dak rikjest mill-awtorità li tibgħat l-informazzjoni.

2. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkoperaw mill-inqas fil-livell reġjonali biex irawmu l-holqien ta' arranġamenti operattivi sabiex tkun possibbli l-aħjar ġestjoni tan-network, jiġu promossi skambji tal-gass konġunti u l-allokazzjoni ta' kapaċità transkonfini, u sabiex ikun possibbli livell minimu ta' kapaċità ta' interkonnessjoni, inkluż permezz ta' interkonnessjonijiet ġodda, fir-reġjun u bejn ir-reġjuni sabiex jitħalla lok għall-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva u titjib tas-sigurtà tal-provvista.

3. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitwettqu, fejn ikun il-każ, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali relevanti oħra u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar il-limitu talkompiti tal-awtoritajiet regolatorji biex jikkoperaw flimkien u mal-Aġenzija. Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 50(3).

Artikolu 42

Konformità mal-linji gwida

1. Kwalunkwe awtorità regolatorja u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-Aġenzija dwar il-konformità ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru …/2009.

2. L-Aġenzija għandha tagħti l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja li tkun talbitha jew lill-Kummissjoni, rispettivament, u lill-awtorità regolatorja li tkun ħadet id-deċiżjoni konċernata fi żmien erba' xhur mid-data tar-riċezzjoni tat-talba.

3. Meta l-awtorità regolatorja li tkun ħadet deċiżjoni ma tikkonformax mal-opinjoni tal-Aġenzija fi żmien erba' xhur middata tal-irċevuta ta' dik l-opinjoni, l-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b' dan.

4. Kwalunkwe awtorità regolatorja tista' tinforma lill-Kummissjoni fejn tqis li deċiżjoni relevanti għall-kummerċ transkonfini meħuda minn awtorità regolatorja ma tikkonformax mallinji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru …/2009 fi żmien xahrejn mid-data ta' dik id-deċiżjoni.

5. Meta l-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet infurmata mill-Aġenzija taħt il-paragrafu 3 jew minn awtorità regolatorja taħt il-paragrafu 4, u fuq l-inzjattiva tagħha stess fi żmien tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni, issib li d-deċizjoni ta' awtorità regolatorja tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru …/2009, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li teżamina l-każ aktar. F'każ bħal dan, hija għandha tistieden lillawtorità regolatorja u lill-partijiet għall-proċedimenti quddiem lawtorità regolatorja biex jagħmlu osservazzjonijiet

6. Meta l-Kummissjoni tkun iddeċidiet li teżamina l-każ aktar, hija għandha, fi żmien mhux aktar minn erba' xhur mid-data ta' tali deċiżjoni, tagħti deċiżjoni finali:

(a) li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja; jew

(b) li tesiġi li l-awtorità regolatorja konċernata tirtira d-deċiżjoni tagħha jekk tqis li ma kienx hemm konformità mal-linji gwida.

7. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni biex teżamina l-każ aktar jew deċiżjoni finali fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 rispettivament, għandu jitqies li ma qajmitx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja.

8. L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tirtira d-deċiżjoni tagħha fi żmien perijodu ta' xahrejn u għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita mill-awtoritajiet regolatorji, l-Aġenzija u l-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità ta' deċiżjonijiet meħudin mill-awtoritajiet regolatorji mal-linji gwida msemmijin f'dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement malproċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 50(3).

Artikolu 43

Żamma ta' records

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriżi tal-forniment iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, inkluża l-awtorità regolatorja, l-awtoritajiet nazzjonali talkompetizzjoni u l-Kummissjoni, għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, għal għall-anqas ħames snin, id-data relevanti relatata mattransazzjonijiet kollha fil-forniment tal-gass u d-derivattivi talgass ma' klijenti bl-ingrossa u operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni kif ukoll l-operaturi tal-ħżin u tal-LNG.

2. Id-data għandha tinkludi d-dettalji dwar karatteristiċi tattransazzjonijiet relevanti, bħad-dewmien, it-twassil u r-regoli ta ħlas, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet ta' eżekuzzjoni u l-prezzijiet tat-transazzjoni, u l-mezzi għall-identifikazzjoni tal-klijent blingrossa konċernat, kif ukoll dettalji speċifiċi dwar il-kuntratti kollha miftuħin fil-kuntratti tal-forniment tal-gass u tad-derivattivi tal-gass.

3. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli lill-parteċipanti fis-suq l-elementi ta' din l-informazzjoni, sakemm ma tiġix rilaxxata xi informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva dwar atturi individwali fis-suq jew dwar transazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal informazzjoni dwar strumenti finanzjarji li jaqgħu flambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

4. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida li jiddefinixxu lmetodu u l-arranġamenti għaż-żamma tar-reġistri kif ukoll ilforma u l-kontenut tad-data li għandha tinżamm. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 50(3).

5. Fir-rigward tat-transazzjonijiet fid-derivattivi tal-gass ta' impriżi ta' forniment ma' klijenti bl-ingrossa u ma' operaturi ta' sistemi tat-trasmissjoni kif ukoll operaturi tal-ħżin u tal-LNG, dan l-Artikolu japplika biss biss ladarba l-Kummissjoni tkun adottat il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 4.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhomx joħolqu obbligi addizzjonali lejn l-awtoritajiet imsemmija filparagrafu 1 għall-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

7. Fil-każ li l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu aċċess għad-data miżmuma mill-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE, l-awtoritajiet responsabbli taħt dik id-Direttiva għandhom jipprovdu dawk l-awtoritajiet bid-data meħtieġa.

KAPITOLU IX

Swieq ta' bejgħ bl-imnut

Artikolu 44

Swieq ta' bejgħ bl-imnut

Sabiex tiġi ffaċilitata l-emerġenza ta' swieq ta' bejgħ bl-imnut li jkunu trasparenti u li jaħdmu tajjeb fil-Komunità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-impriżi ta' forniment u l-klijenti u jekk meħtieġ parteċipanti oħra tas-suq ikunu definiti fir-rigward ta' arranġamenti kuntrattwali, impenji bejn il-konsumatur, skambju ta' data u regoli ta' riżoluzzjoni, pussess ta' data u responsabbiltà għall-metraġġ.

Dawn ir-regoli għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, għandhom jitfasslu bl-għan li jiffaċilitaw l-aċċess tal-konsumaturi u l-forniturі għan-networks u għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji jew awtoritajiet nazzjonali relevanti oħrajn.

KAPITOLU X

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 45

Miżuri ta' salvagwardja

1. Fil-każ ta' kriżi f'daqqa fis-suq tal-enerġija jew fejn is-sigurtà fiżika jew is-sigurtà tal-persuni, tal-apparat jew tal-istallazzjonijiet jew tal-integrità tas-sistema jiġu mhedda, l-Istat Membru jista' temporanjament jieħu s-salvagwadji meħtieġa.

2. Dawn il-miżuri għandhom jikkawżaw l-inqas disturb possibbli għall-funzjonament tas-suq intern u m'għandux ikollhom skop usa' milli strettament meħtieġ biex id-diffikultajiet imprevisti li jkunu qamu jiġu rimedjati.

3. L-Istat Membru in kwistjoni għandu minnufih jinnotifika dawn il-miżuri lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, li tista' tiddeċiedi li l-Istat Membru in kwistjoni għandu jemenda jew iħassar dawn il-miżuri, sa fejn għandhom effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwaw b'mod avvers il-kummerċ f'tali mod li ma jaqbilx mal-interess komuni.

Artikolu 46

Kondizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni

1. Il-miżuri li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jieħdu taħt din id-Direttiva sabiex jiżguraw kondizzjonijiet ugwali għandhom ikunu kompatibbli mat-Trattat KE, speċjalment mal-Artikolu 30 tiegħu, u mal-liġi Komunitarja.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati, non-diskriminatorji u trasparenti. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu implimentati biss wara n-notifika u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha taġixxi fuq in-notifika msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien xahrejn mir-riċevuta ta' din in-notifika. Dak il-perijodu għandu jibda l-għada tar-riċevuta tal-informazzjoni sħiħa. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx aġixxiet f'dan il-perijodu ta' żmien, il-Kummissjoni għandha titqies li mhijiex toġġezzjona għall-miżuri notifikati.

Artikolu 47

Derogi rigward rabtiet "take-or-pay"

1. Jekk impriża tal-gass naturali tiltaqa' ma', jew tikkunsidra li ser tiltaqa' ma', diffikultajiet serji ekonomiċi u finanzjarji minħabba r-rabtiet "take-or-pay" aċċettata f'kuntratt tax-xiri tal-gass wieħed jew aktar, tista' tintbagħat applikazzjoni għal deroga temporanja mill-Artikolu 31 lill-Istat Membru in kwistjoni jew lill-awtorità kompetenti nominata. L-applikazzjonijiet għandom, abbażi tal-għażla tal-Istati Membri, jiġu ppreżentati fuq każ individwali jew qabel jew wara ċ-ċaħda tal-aċċess għas-sistema. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu lill-impriża tal-gass naturali l-għażla li tippreżenta applikazzjoni jew qabel jew wara ċ-ċaħda tal-aċċess għas-sistema. Fejn impriża tal-gass naturali tkun irrifjutat l-aċċess, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mingħajr dewmien. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu akkumpanjati bl-informazzjoni kollha relevanti dwar in-natura u l-estent tal-problema u dwar l-isforzi magħmula mill-impriża tal-gass naturali biex issolvi l-problemi.

Jekk mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi, filwaqt li jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nnominata jistgħu jiddeċiedu li jagħtu deroga.

2. L-Istat Membru, jew l-awtorità kompetenti nominanta, għandhom javżaw lill-Kummisjoni mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni li jagħtu deroga, flimkien mal-informazzjoni kollha relevanti rigward id-deroga. Din l-inforazzjoni tista' tingħata lill-Kummmissjoni fil-forma aggregata, li tippermetti lill-Kummissjoni li tilħaq deċiżjoni fuq bażi tajba. Fi żmien tmien ġimgħat minn meta tirċievi din in-notifika, il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nnominata in kwistjoni temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tagħti deroga.

Jekk l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nnominata in kwistjoni ma tikkonformax ma' din it-talba fi żmien erba' ġimgħat, għandha tittieħed deċiżjoni finali malajr konformement mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 50(2).

Il-Kummissjoni għandha tippreżerva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva kummerċjalment.

3. Meta tittieħed deċiżjoni fuq id-derogi msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti nominata in kwistjoni, u l-Kummissjoni għandhom iqisu, b'mod partikolari, il-kriterji li ġejjin:

(a) l-għan li jinkiseb suq tal-gass kompetittiv;

(b) il-ħtieġa li jintlaħqu obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku u li tiġi aċċertata s-sigurtà tal-fornitura;

(c) il-pożizzjoni ta' impriżi tal-gass naturali fis-suq tal-gass u l-istat attwali tal-kompetizzjoni f'dan is-suq;

(d) is-serjetà tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji li jiffaċċjaw l-impriżi tal-gass naturali u l-impriżi tat-trasmissjoni jew il-klijenti eliġibbli;

(e) id-dati tal-firma u t-termini tal-appalt jew appalti in kwistjoni, inkluż l-estent sa fejn jippermettu għal tibdil fis-suq;

(f) l-isforzi li saru biex tinsab soluzzjoni għall-problema;

(g) l-estent sa fejn, meta jiġu aċċettati r-rabtiet "take-or-pay" in kwistjoni, l-impriża setgħet raġonevolment ipprevediet, fil-waqt li qieset id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li x'aktarx iqumu diffikultajiet serji;

(h) il-livell tal-konnessjoni tas-sistema ma' sistemi oħrajn u l-grad ta' interoperabilità ta' dawn is-sistemi; u

(i) l-effetti li jkollha l-għotja ta' deroga fuq l-applikazzjoni korretta tad-Direttiva rigward il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-gass naturali.

Deċiżjoni fuq talba għal deroga li tirrigwarda kuntratti tat-tip ħu jew ħallas konklużi qabel … (*) m'għandhiex twassal għal sitwazzjoni li fiha huwa impossibbli li jinstabu sorsi alternattivi ekonomikament vijabbli. Diffikultajiet serji għandhom f'kull każ jitqiesu bħala li ma jeżistux meta l-bejgħ ta' gass naturali ma jaqax taħt il-livell ta' garanziji minimi kontenuti f'kuntratti ħu jew ħallas ta' xiri ta' gass jew sa fejn il-kuntratt ħu jew ħallas relevanti ta' xiri ta' gass jista' jiġi adattat jew kemm l-impriża ta' gass naturali għandha ħila li ssib sorsi alternattivi.

4. L-impriżi tal-gass naturali li ma ngħatawx deroga msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jirrifjutaw, jew għandhom jieqfu milli jirrifjutaw, aċċess għas-sistema minħabba rabtiet "take-or-pay" aċċettati f'appalti tax-xiri tal-gass. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu VII u b' mod partikolari l-Artikoli 31 sa 44.

5. Kwalunkwe deroga mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet hawn fuq għandha tkun debitament sostanzjata. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien … (**), jissottomettu rapport ta' reviżjoni dwar l-esperjenza akkwistata mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jikkunsidraw il-ħtieġa li jaġġustawh maż-żmien.

Artikolu 48

Swieq emerġenti u iżolati

1. L-Istati Membri mhux direttament imqabbda mas-sistema interkonnessa ta' ebda Stat Membru ieħor u li għandhom biss provditur ewlieni barrani wieħed biss jistgħu jidderogaw mill-Artikoli 4, 9, 36 u/jew 37 ta' din id-Direttiva. Impriża tal-fornitura li għandha sehem tas-suq ta' aktar minn 75 % għandha titqies li tkun provditur ewlieni. Kull deroga bħal din għandha tiskadi awtomatikament mill-mument meta għall-inqas wieħed mill-kondizzjonijiet msemmij ma tibqax tapplika. Kwalunkwe deroga bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

Ċipru jista' jidderoga mill-Artikoli 4, 9, 36 u/jew 37. Din id-deroga għandha tiskadi mill-mument li Ċipru ma jikkwalifikax bħala suq iżolat.

L-Artikoli 4, 9, 36 u/jew 37 m'għandhomx japplikaw għall-Estonja, il-Latvja, u/jew il-Finlandja sakemm kwalunkwe wieħed minn dawn l-Istati Membri huwa konness direttament mas-sistema interkonnessa ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor minbarra l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Finlandja. Dan is-subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għal kull derogazzjoni taħt l-ewwel sub-paragrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Stat Membru li jikkwalifika bħala suq emerġenti, li minħabba l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jesperjenza problemi sostanzjali jista' jidderoga mill-Artikoli 4 u 9, mill-Artikolu 13 (1) u (2), mill-Artikoli 14 u 24, mill-Artikolu 25(5), mill-Artikoli 26, 30 u 31, mill-Artikolu 36(1) u/jew mill-Artikolu 37. Din id-deroga għandha tiskadi awtomatikament mill-mument meta l-Istat Membru ma jibqax jikkwalifika bħala suq emerġenti. Kwalunkwe deroga bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

Ċipru jista' jidderoga mill-Artikoli 4 u 9, mill-Artikolu 13(1) u (2), mill-Artikoli 14 u 24, mill-Artikolu 25(5), mill-Artikoli 26, 30 u 31, mill-Artikolu 36(1) u/jew mill-Artikolu 37. Din id-deroga għandha tiskadi mill-mument li Ċipru ma jikkwalifikax bħala suq emerġenti.

3. Fid-data meta tiskadi d-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, id-definizzjoni ta' klijenti eliġibbli għandha tirriżulta fi ftuħ tas-suq ugwali għall-inqas għal 33 % tat-total tal-konsum tal-gass annwali fis-suq nazzjonali tal-gass. Sentejn wara dan, għandu japplika l-Artikolu 36(1)(b), u tliet snin wara, l-Artikolu 36(1)(c). Sa meta jsir applikabbli l-Artikolu 36(1)(b), l-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jista' jiddeċiedi li ma japplikax l-Artikolu 31 sa fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi anċillari u ħażna temporanja għall-proċess tal-gassifikazzjoni mill-ġdid u l-konsenja sussegwenti tiegħu lis-sistema tat-trasmissjoni.

4. Fejn l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva x'aktarx tikkawża problemi sostanzjali f'żona ġeografika limitata ta' Stat Membru, b'mod partikolari rigward l-iżvilupp ta' infrastrutturi tat-trasmissjoni u tad-distribuzzjoni maġġuri, u bl-iskop tal-inkoraġġiment tal-investimenti, l-Istat Membru jista' japplika lill-Kummissjoni għal deroga temporanja mill-Artikoli 4 u 9, mill-Artikolu 13(1) u (2), mill-Artikolu 14, mill-Artikolu 24, mill-Artikolu 25(5), mill-Artikolu 26, mill-Artikolu 30, mill-Artikolu 31, mill-Artikolu 36(1) u/jew mill-Artikolu 37 għall-iżviluppi f'din iż-żona.

5. Il-Kummissjoni tista' tagħti d-deroga msemmija fil-paragrafu 4, filwaqt li tqis, b'mod partikolari, il-kriterji li ġejjin:

— il-bżonn għall-investimenti fl-infrastruttura, li ma jkunux ekonomiċi sabiex wieħed jaħdem f'ambjent ta' suq kompettiv,

— il-livell u l-prospetti ta' ħlas lura meħtieġa ta' investimenti,

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/55/KE.
(**) Ħames snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/55/KE.

— id-daqs u l-maturità tas-sistema ta' gass fiz-zona konċernata,

— il-prospetti għas-suq tal-gass in kwistjoni,

— id-daqs ġeografiku u l-karatteristiċi taż-żona jew reġjun in kwistjoni, u l-fatturi soċjo-ekonomiċi u demografiċi.

Għall-infrastruttura tal-gass għajr infrastruttura tad-distribuzzjoni, tista' tingħata deroga biss jekk ma tkun ġiet stabbilita ebda infrastruttura tal-gass f'din iż-żona, jew ilha stabbilita hemm għal inqas minn 10 snin. Id-deroga temporanja ma tistax teċċedi 10 snin miż-żmien meta l-gass l-ewwel ġie provdut f'dik iż-żona.

Għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni tista' tingħata deroga għal perijodu ta' żmien li ma jistax jeċċedi 20 sena għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni miż-żmien meta l-gass l-ewwel ġie provdut mill-imsemmijainfrastruttura fiż-żona.

6. L-Artikolu 9 m'għandux japplika għal Ċipru, il-Lussemburgu u/jew Malta.

7. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar applikazzjonijiet li jkunu saru taħt il-paragrafu 4 qabel ma tieħu deċiżjoni taħt il-paragrafu 5, filwaqt li tqis ir-rispett għall-kunfidenzjalità. Din id-deċiżjoni, kif ukoll id-deroga msemmija fil-paragrafi 1 u 2, għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

8. Il-Greċja tista' tidderoga mill-Artikoli 4, 24, 25, 26, 31, 36 u/jew 37 ta' din id-Direttiva għaż-żoni ġeografiċi u għaż-żmien imsemmi fil-liċenzji maħruġa minnha, qabel il-15 ta' Marzu 2002 u taħt id-Direttiva 98/30/KE, għall-iżvilupp u l-esplojtazzjoni esklussiva ta' networks tad-distribuzzjoni f'xi żoni ġeografiċi.

Artikolu 49

Proċedura ta' Reviżjoni

Fil-każ li r-rapport imsemmi fl-Artikolu 51(3) jasal għall-konklużjoni fejn, minħabba l-mod effettiv li bih l-aċċess għan-network ikun sar fi Stat Membru — li jwassal għal aċċess kompletament effettiv, non-diskriminatorju u mingħajr xkiel għan-network, il-Kummissjoni tikkonkludi li ċerti obbligi imposti minn din id-Direttiva fuq l-impriżi (inklużi dawk rigward is-separazzjoni legali għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni) mhumiex proporzjonati mal-objettiv mixtieq, l-Istat Membru in kwistjoni jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għal eżenzjoni mill-ħtieġa in kwistjoni.

It-talba għandha tiġi nnotifikata, mingħajr dewmien, mill-Istat Membru lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha meħtieġa biex jintwera li l-konklużjoni milħuqa fir-rapport dwar l-aċċess effettiv għan-networks milħuq ser jinżamm.

Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi notifika, il-Kummissjoni għandha tadotta opinjoni rigward it-talba mill-Istat Membru in kwistjoni, u fejn xieraq, tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jemendaw id-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva. Il-Kummissjoni tista' tipproponi, fil-proposti biex tiġi emendata d-Direttiva, li l-Istat Membru in kwistjoni jiġi eżentat minn rekwiżiti speċifiċi, b'kondizzjoni li dak l-Istat Membru jimplimenta miżuri ugwalment effettivi kif xieraq.

Artikolu 50

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-diżpożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 51

Rapportar

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tirrivedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottometti rapport ta' progress ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-ewwel darba sa … (*), u wara dan, fuq bażi annwali. Ir-rapport għandu jkopri għall-inqas:

(a) l-esperjenza miksuba u l-progress li jkun sar fil-ħolqien ta' suq intern sħiħ u għal kollox operattiv fil-gass naturali u l-ostakoli li jibqgħu f'dan ir-rigward inklużi aspetti ta' dominanza tas-suq, konċentrazzjoni fis-suq, aġir predatorju jew anti-kompetittiv;

(b) id-derogi mogħtija taħt din id-Direttiva, li jinkludu l-implimentazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 26(2) bi skop ta' reviżjoni possibbli tal-limitu;

(c) l-estent sa fejn ir-rekwiżiti ta' separazzjoni u tariffazzjoni li jinsabu f'din id- Direttiva jkunu rnexxew fl-aċċertazzjoni ta' aċċess imparzjali u mhux diskriminatorju għas-sistema tal-Komunità tal-gass u livelli ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kif ukoll il-konsegwenzi ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-ftuħ tas-suq tal-gass għall-klijenti;

(d) eżaminazzjoni tal-kwistjonijiet li jirrelataw għall-livelli tal-kapaċità tas-sistema u s-sigurtà tal-fornitura tal-gass naturali fil-Komunità, u b'mod partikolari l-bilanċ eżistenti u proġettat bejn it-talbiet u l-fornitura, filwaqt li titqies il-kapaċità finanzjarja għal skambji bejn żoni u l-iżvilupp tal-ħażniet (inkluża l-kwistjoni tal-proporzjonalità tar-regolament tas-suq f'dan il-qasam);

(e) tingħata attenzjoni speċjali għall-miżuri meħuda fl-Istati Membri biex ikopru numri kbar ta' talbiet u biex jegħlbu n-nuqqasijiet ta' provditur wieħed jew aktar;

(*) 31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/55/KE.

(f) stima ġenerali tal-progress miksub rigward relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi terzi li jipproduċu u jesportaw jew jittrasportaw il-gass naturali, li jinkludi l-progress fl-integrazzjoni fis-suq, kummerċ u aċċess għan-networks ta' dawn il-pajjiżi terzi;

(g) il-ħtieġa għal possibbli rekwiżiti għall-armonizzazzjoni li mhumiex konnessi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Fejn xieraq, dan ir-rapport ta' progress jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet u miżuri biex jingħelbu l-effetti negattivi tad-dominanza fis-suq u tal-konċentrazzjoni fis-suq.

2. Kull sentejn, ir-rapport ta' progress imsemmi fil-paragrafu 1 għandu wkoll ikopri analiżi tal-miżuri relevanti meħuda fl-Istati Membri biex jintlaħqu obbligazzjoni dwar is-servizz pubbliku, flimkien ma' eżaminazzjoni tal-effettivita' ta' dawn il-miżuri, u b'mod partikolari l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-gass. Fejn xieraq, ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq livell nazzjonali biex jinkisbu standards għoljin fis-servizz pubbliku jew miżuri maħsuba li jipprevjenu għeluq tas-suq.

3. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn … (*), tippreżenta bħala parti mir-reviżjoni ġenerali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport speċifiku dettaljat li jiddelinea kemm ir-rekwiżiti ta' separazzjoni taħt il-Kapitolu IV kienu ta' suċċess bl-iżgurar tal-indipendenza sħiħa u effettiva tal-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni, bl-użu ta' separazzjoni effettiva u effiċjenti bħala referenza.

4. Għall-fini tal-valutazzjoni tagħha taħt il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tqis partikolarment il-kriterji li ġejjin: aċċess ġust u non-diskriminatorju għan-network, regolamentazzjoni effettiva, l-iżvilupp tan-network biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tas-suq, inċentivi mhux imxekkla għall-investiment, l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-interkonnessjoni, kompetizzjoni effettiva fis-swieq tal-enerġija tal-Komunità u s-sigurtà tas-sitwazzjoni ta' provvista fil-Komunità.

5. Fejn opportun, u partikolarment f'każ li r-rapport dettaljat imsemmi fil-paragrafu 3 jiddetermina li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ma kienux iggarantiti fil-prattika, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tkun żgurata l-indipendenza totalment effettiva tal-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni … (**).

6. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-1 ta' 1 Jannar 2006, tibgħat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, rapport dettaljat li juri l-progress fil-ħolqien tas-suq intern tal-gass. B'mod partikolari dan ir-rapport għandu jqis:

— l-eżistenza ta' aċċess non-diskriminatorju għan-network;

— regolamentazzjoni effettiva;

— l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-interkonnessjoni, il-kondizzjonijiet tat-transitu, u s-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-fornitura fil-Komunità;

— l-estent sa fejn il-benefiċċji sħaħ tal-ftuħ tas-suq huma ta' benefiċċju għall-impriżi żgħar ul-klijenti domestiċi, notevolment rigward standards tas-servizz pubbliku;

— il-punt sa liema s-swieq huma fil-prattika miftuħa għal kompetizzjoni effettiva, inklużi aspetti ta' dominanza tas-suq, ta' konċentrazzjoni fis-suq u aġir predatorju jew li jmur kontra l-kompetizzjoni;

— il-punt sa liema l-klijenti attwalment ibiddlu minn fornitur għall-ieħor u jinnegozjaw mill-ġdid it-tariffi;

— żviluppi fil-prezzijiet, inklużi prezzijiet tal-provvista, fir-rigward tal-livell tal-ftuħ tas-swieq;

— jekk jeżistix aċċess effettiv u mhux diskriminatorju għal terzi għall-ħażniet tal-gass fejn meħtieġa teknikament u/jew ekonomikament għall-provvediment ta' aċċess effiċjenti għas-sistema;

— l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Direttiva sa fejn hija konċernata l-indipendenza effettiva ta' operaturi tas-sistema f'impriżi integrati vertikalment u jekk ġewx żviluppati miżuri oħra minbarra l-indipendenza funzjonali u s-separazzjoni tal-kontijiet li għandhom effetti ekwivalenti għal separazzjoni legali.

Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'mod partikolari biex jiġu ggarantiti standards għoljin fis-servizz pubbliku.

Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'mod partikolari biex tiġi aċċertata l-indipendenza sħiħa u effettiva tal-operatur tas-sistema taddistribuzzjoni qabel l-1 ta' Lulju 2007. Fejn meħtieġ, dawn il-proposti għandhom, konformement mal-liġi tal-kompetizzjoni, jikkonċernaw ukoll miżuri li jindirizzaw kwistjonijiet ta' dominanza fis-suq, konċentrazzjoni fis-suq u aġir predatorju jew antikompetittiv.

Artikolu 52

Tħassir

Id-Direttiva 2003/55/KE għandha titħassarminn … (***) minħajr preġudizzju għall-obbliazzjonijiet tal-Istati Membri rigwrd it-termini perentorji għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Ir-riferenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiemu li qed isiru għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw konformement mat-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness B.

Artikolu 53

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva sa … (***). Huma għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni dwarhom.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn … (***) bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 11 li għandhom japplikaw minn … (****).

(*) Sentejn wara d-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53 (1), jiġifieri 42 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Tliet snin wara d-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1), jiġifieri 54 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(***) 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(****) 42 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 54

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 55

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi, …

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
…	…

ANNESS I

MIŻURI DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

Mingħajr preġudizzju għar-regoli Komunitarji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttivi 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-boġħod ([1]) u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ([2]), il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jiżguraw li l-klijenti:

(a) għandhom dritt għal appalt mal-provditur tas-servizz tal-gass tagħhom li jispeċifika:

— l-identità u l-indirizz tal-provditur;

— is-servizzi provduti, il-livell tal-kwalità tas-servizzi offruti kif ukoll iż-żmien għall-ewwel konnessjoni;

— jekk jiġu offruti, it-tipi ta' servizz ta' manutenzjoni offruti;

— il-mezzi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi u l-ħlasijiet għall-manutenzjoni applikabbli kollha;

— it-tul tal-kuntratt, il-kondizzjonijiet għat-tiġdid u t-tmiem tas-servizzi u tal-kuntratt, l-eżistenza ta' kwalunkwe dritt ta' rtirar;

— kwalunkwe kumpens u l-arranġamenti għar-rifużjoni li japplikaw jekk il-livelli tal-kwalità tas-servizzi appaltati ma jintlaħqux; u

— il-metodu biex jinbdew proċeduri għar-riżoluzzjoni ta' disputi taħt il-punt (f).

Il-kondizzjonijiet għandhom ikunu imparzjali u magħrufa sew minn qabel. Fi kwalunkwe każ, din l-informazzjoni għandha tingħata qabel il-konklużjoni jew il-konferma tal-kuntratt. Meta xi kuntratti jkunu konklużi permezz ta' intermedjarji, l-informazzjoni relatata mal-kwistjonijiet msemmija f' dan il-punt għandha wkoll tkun provduta qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

(b) jingħataw avviż adegwat dwar kwalunkwe intenzjoni li l-kondizzjonijiet kuntrattwali jiġu modifikati u jiġu informati dwar id-dritt tagħhom ta' rtirar meta jingħata l-avviż. Il-provdituri tas-servizzi għandhom javżaw lis-sottoskritti tagħhom direttament dwar kwalunkwe żieda fil-piżijiet, fi żmien xieraq mhux aktar tard minn perijodu wieħed fejn isir il-kont, wara li ż-żieda tkun daħlet fis-seħħ. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijenti huma liberi li jirtiraw mill-kuntratti jekk ma jaċċettawx il-kondizzjonijiet ġodda, notifikati lilhom mill-provditur tagħhom tas-servizzi tal-gass.

(c) jirċievu informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli u dwar it-termini u l-kondizzjonijiet standards, fir-rigward tal-aċċess għal u l-użu tas-servizzi tal-gass.

(d) jiġu offruti għażla wiesgħa tal-metodi tal-ħlas. Kwalunkwe differenza fit-termini u l-kondizzjonijiet għandha tirrefletti l-ispejjeż lill-provditur tas-sistemi differenti tal-ħlas. It-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għandhom ikunu ġusti u trasparenti. Għandhom jingħataw f'lingwa ċara u li tinftiehem. Il-klijenti għandhom jiġu mħarsa kontra l-metodi tal-bejgħ mhux imparzjali u qarriqin.

(e) m'għandhomx iħallsu talli jibdlu l-fornitur.

(f) jibbenefikaw minn proċeduri trasparenti, sempliċi u effettivi biex jiġu ttrattati l-ilmenti tagħhom. Dawn il-proċeduri għandhom jippermettu li kwalunkwe disputa tiġi solvuta b'mod ġust u minnufih bi provvediment, fejn ikun meħtieġ, għal sistema ta' rifużjoni u/jew kumpens. Għandhom ikunu konformi, kull fejn possibbli, mal-prinċipji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni extra-ġudizzjarja ta' disputi konsumeristiċi 1 ([3]).

(g) imqabbda mas-sistema tal-gass jiġu informati dwar id-drittijiet tagħhom li jiġu forniti, taħt il-liġi nazzjonali li tapplika, bil-gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġonevoli.

(h) ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom id-data dwar il-konsum tagħhom, u għandhom ikunu jistgħu, bi ftehim espliċitu u mingħajr ħlas, jagħtu lil kwalunkwe impriża li jkollha liċenzja ta' provvista aċċess għad-data tagħha dwar il-kejl. Il-parti responsabbli għall-ġestjoni tad-data għandha jkollha l-obbligu li tgħaddi din id-data lill-impriża. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu format għad-data kif ukoll proċedura għall-forniturи u għall-konsumaturi biex ikollhom aċċess għad-data. L-ebda spiża addizzjonali ma tista' tiġi imposta fuq il-konsumatur għal dan is-servizz.

(i) għandhom ikunu infurmati tajjeb dwar l-konsum u l-ispejjeż attwali tal-gass ta' spiss biżżejjed biex ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tal-gass tagħhom. Dik l-informazzjoni għandha tingħata bl-użu ta' qafas ta' żmien sufiċjenti, b' kont meħud tal-kapaċità tat-tagħmir tal-metraġġ tal-klijent. Għandu jittieħed debitament kont tal-effiċjenza ta' tali miżuri fir-rigward tal-ispiża tagħhom. Il-konsumatur ma jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ebda spiża addizzjonali għal dan is-servizz.

(j) jistgħu jibdlu l-fornitur fi kwalunkwe żmien tas-sena, u konsumatur għandu jkun intitolat għal riċevuta finali sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-aħħar provvista minn dan il-fornitur preċedenti.

([1]) ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.
([2]) ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29.
([3]) ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31.

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 2003/55/EC	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
—	Artikolu 6
—	Artikolu 7
Artikolu 6	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 7	Artikolu 10
—	Artikolu 11
Artikolu 7	Artikolu 12
Artikolu 8	Artikolu 13
—	Artikolu 14
—	Artikolu 15
Artikolu 10	Artikolu 16
—	Artikolu 17
—	Artikolu 18
—	Artikolu 19
—	Artikolu 20
—	Artikolu 21
—	Artikolu 22
—	Artikolu 23
Artikolu 11	Artikolu 24
Artikolu 12	Artikolu 25
Artikolu 13	Artikolu 26
Artikolu 14	Artikolu 27
Artikolu 15	Artikolu 28
Artikolu 16	Artikolu 29
Artikolu 17	Artikolu 30
Artikolu 18	Artikolu 31
Artikolu 19	Artikolu 32
Artikolu 20	Artikolu 33
Artikolu 21	Artikolu 34

Id-Direttiva 2003/55/EC	Din id-Direttiva
Artikolu 22	Artikolu 35
Artikolu 23	Artikolu 36
Artikolu 24	Artikolu 37
Artikolu 25(1) (l-ewwel sentenza u t-tieni sentenza)	Artikolu 38
—	Artikolu 39
Artikolu 25 (il-bqija)	Artikolu 40
—	Artikolu 41
—	Artikolu 42
—	Artikolu 43
—	Artikolu 44
Artikolu 26	Artikolu 45
—	Artikolu 46
Artikolu 27	Artikolu 47
Artikolu 28	Artikolu 48
Artikolu 29	Artikolu 49
Artikolu 30	Artikolu 50
Artikolu 31	Artikolu 51
Artikolu 32	Artikolu 52
Artikolu 33	Artikolu 53
Artikolu 34	Artikolu 54
Artikolu 35	Artikolu 55
Anness A	Anness I

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-19 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/55/KE, ibbażata fuq l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tat-Trattat, flimkien ma' erba' proposti oħrajn f'pakkett dwar is-suq intern tal-enerġija.

2. Il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew taw l-opinjoni tagħhom dwar il-pakkett komplet fl-10 ([1]) u fit-22 ta' April 2008 ([2]) rispettivament.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu ([3]) fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008, fejn approva 122 emenda. Il-Kummissjoni ma ppreżentatx proposta modifikata.

4. Fid-9 ta' Jannar 2009, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu skont l-Artikolu 251 tat-Trattat, fl-għamla ta' Direttiva riformulata.

II. OBJETTIV TAL-PROPOSTA

5. Il-proposta hi parti mit-tielet pakkett dwar is-suq intern tal-enerġija, flimkien mar-Regolament dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni ta' gass naturali, id-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku, ir-Regolament dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku, u r-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija. Din timmira li jitlesta s-suq intern tal-gass naturali, b'mod partikolari, billi tintroduċi:

   — dispożizzjonijiet rigward is-separazzjoni effettiva tat-trasmissjoni minn attivitajiet ta' produzzjoni u forniment, inkluża l-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni tal-Komunità kif ukoll minn pajjiżi terzi;

   — dispożizzjonijiet li jimmiraw għat-titjib tal-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali tal-enerġija u għall-armonizzazzjoni tas-setgħat tagħhom fil-livell Komunitarju;

   — dispożizzjonijiet li jimmiraw għat-titjib tas-solidarjetà u l-kooperazzjoni reġjonali;

   — dispożizzjonijiet li jtejbu t-trasparenza u l-funzjonament tas-suq tal-enerġija.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

6. Rimarki Ġenerali

6.1. Il-Kunsill ikkunsidra li hu aktar effettiv, aktar trasparenti u koerenti mad-Direttiva 2003/55/KE kif ukoll aktar faċli għall-utent li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiġu riformulati. Barra minn hekk, bħala prinċpju ġenerali, il-Kunsill irrispetta b'mod sħiħ il-proposta emendatorja tal-Kummissjoni fis-sens li ma fetaħ l-ebda dispożizzjoni oħra li mhijiex parti mill-proposta tal-Kummissjoni, sakemm il-bidliet ma kinux meħtieġa b'segwitu mill-bidliet għall-proposta introdotti mill-Kunsill, ir-riferimenti mibdulin bħala riżultat tan-numerazzjoni mill-ġdid tal-Artikoli, eċċ. Safejn kien possibbli l-Kunsill segwa l-approċċ tal-Kummissjoni rigward trattament ugwali tas-setturi tal-elettriku u l-gass.

Il-Kummissjoni aċċettat il-bidliet kollha għall-proposta tagħha introdotti mill-Kunsill.

6.2. Dwar il-*122 emenda adottata mill-Parlament Ewropew*, il-Kunsill qabel mal-Kummissjoni billi

   — aċċetta l-20 emendi li ġejjin:

     b'mod sħiħ (xi kultant b'abbozzar mill-ġdid): 50, 98 u 103;

     parzjalment/fil-prinċipju/fl-ispirtu: 11, 12, 63, 64, 68, 78/125/135/138, 91 — 96, 98, 101, 104, u 107;

   u

   — irrifjuta l-44 emenda li ġejjin: 1, 4, 10, 14, 15, 18, 19, 22, 30, 37 — 39, 41, 43, 47, 54, 57 — 59, 62, 65 — 67, 70 — 72, 82, 83, 89, 90, 97, 105, 106, 108 — 110, 113, 114, 116/137, 123, 126, 128 , [129], 131, u 133, fuq bażi ta' sustanza u/jew forma.

([1]) ĠU C 172, 5.7.2008, p. 55.
([2]) ĠU C 211, 19.8.2008, p. 23.
([3]) Għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

6.3. Il-Kunsill iddevja mill-pożizzjoni tal-Kummissjoni billi

— aċċetta emenda waħda: 79

u

— irrifjuta d-59 emenda li ġejjin: 2, 3, 5 — 9, 13, 16, 17, 20, 21, 23 — 29, 31 — 36, 40, 45, 46, 48, 49, 51 53, 55, 56, 60, 61, 69, 73 — 77, 80, 81, 84 — 88, [93/129 + 94 - 96] (parzjalment), 99, 100, 102, 111, 112, 118, 120, 132, 136.

7. **Rimarki Speċifiċi:**

7.1. Rigward l-*emendi tal-PE* fejn il-Kunsill iddevja mill-*pożizzjoni tal-Kummissjoni*:

a) Il-Kunsill aċċetta l-emenda 79 minħabba li bħall-PE hu tal-fehma li mhuwiex adegwat li jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet u l-indipendenza tad-DSO permezz tal-proċedura tal-kumitat.

b) Il-Kunsill irrifjuta d-59 emenda elenkata hawn fuq (il-punt 6.3.) għar-raġunijiet li ġejjin:

i) L-emendi jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet li mhumiex parti mill-proposta tal-Kummissjoni; dawk l-emendi ġew irrifjutati fuq kwistjoni ta' prinċipju (ara hawn fuq taħt 6.1): l-emenda 6, 13, 21, 23, 25, 31, 32, 33, 34, 35, 40, 45, 46, 48, 49, 51, 69, 73, 74, 75, 76, 77, 111 (l-ewwel parti), 118, 120, 132

ii) L-emendi ma għandhomx valur miżjud, prinċipalment minħabba li l-kwistjonijiet huma (parzjalment) koperti biżżejjed minn partijiet oħrajn tat-test: it-tieni emenda ddgħajjef l-enfasi mogħtija fil-premessa 6; l-emenda 7 hi ripetittiva; l-emenda 87 hi parzjalment koperta mill-premessa 15; l-emenda 20 hi diġà (parzjalment) koperta mill-premessi 29 u 31; l-emenda 26 mhijiex meħtieġa; l-emenda 60: il-kwistjoni hi koperta suffiċjentament mill-Artikolu 9; l-emenda 61: il-kwistjoni hi koperta mill-Artikolu 51 dwar ir-rappurtar; l-emenda 81 tnaqqas iċ-ċarezza tad-definizzjoni tal-Artikolu 35(1); l-emenda 85 iżżid l-konfużjoni mal-para. 3 tal-Artikolu 35; l-emenda 87: il-livell tad-dettall mhuwiex meħtieġ; l-emenda 88 iddgħajjef ferm it-test fis-subparagrafu 5 tal-Artikolu 35 (8); 5; l-emenda 136 hi (parzjalment) koperta suffiċjentament mill-Artikolu 40 (15).

iii) L-emendi jintroduċu test li mhuwiex adatt jew meħtieġ f'din id-Direttiva jew li mhuwiex konformi mal-ambitu tad-Direttiva: 5, 9, 16, 17, 36, 53, 56, 80, 81, 85, 86, 96 (parzjalment) mhux adatti fl-Art. 40, 99, 100, 111(it-tieni parti), 112.

iv) L-emendi jintroduċu premessa li m'għandhiex Artikolu korrispondenti: l-emendi 24 u 29.

v) Il-Kunsill jikkunsidra li l-lista tad-dmirijiet u s-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji kif inhi fl-Artikolu 40 tal-Pożizzjoni Komuni hi biżżejjed; l-emendi li ġejjin imorru (parzjalment) lil hinn mill-kompiti li l-Kunsill qiegħed jattribwixxi lir-regolaturi: l-emendi 93 — 95.

vi) L-emendi jintroduċu test li ma jikkorrispondix għar-rwol li l-Kunsill qiegħed jagħti lill-Aġenzija: 28, 55 (it-tieni parti), 84.

vii) Il-Kunsill hu tal-fehma li l-Pożizzjoni Komuni tirrifletti biżżejjed l-għan tas-solidarjetà/il-kooperazzjoni reġjonali: għalhekk l-emendi 3, 27, 52 u 55 (l-ewwel parti) m'humiex meħtieġa.

7.2 Dwar il-*proposta tal-Kummissjoni*, il-Kunsill introduċa ċerti modifiki oħrajn (ta' sustanza u/jew ta' forma); dawk prinċipali huma mniżżlin hawn taħt.

a) *Separazzjoni effettiva tal-operazzjoni tan-netwerk mill-attivitajiet ta' produzzjoni u forniment:*

Minbarra ż-żewġ alternattivi proposti mill-Kummissjoni (is-separazzjoni tal-proprjetà (OU -ownership unbundling) u l-Operatur Indipendenti tas-Sistema (ISO), il-Kunsill, bi qbil mal-Kummissjoni qis xieraq li jintroduċi t-tielet alternattiva, l-Operatur tat-Trasmissjoni Indipendenti (ITO), fil-każ fejn operatur tas-sistema ta' trasmissjoni hu parti minn impriża integrata vertikalment (VIU) fid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (il-Kapitolu IV l-ġdid mal-Artikoli 17 — 23, il-premessi korrispondenti 13, 15 u 16). It-tliet alternattivi huma ugwali u ser ikunu disponibbli kemm għas-settur tal-elettriku kif ukoll għal dak tal-gass.

Id-dispożizzjonijiet tal-ITO ser jiżguraw l-indipendenza effettiva tal-operatur (l-Artikoli 17 u 18), il-ġestjoni tiegħu (l-Artikolu 19) u l-korp superviżorju (l-Artikolu 20) u li jiġu evitati l-konflitti ta' interess. L-istabbiliment ta' programm ta' konformità u ta' uffiċjal ta' konformità (l-Artikolu 21) qiegħed ukoll jikkontribwixxi għal dan l-għan. Barra minn hekk, ser jiġu żgurati inċentivi ta' investiment mhux imxekkla u l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-interkonnessjoni (l-Artikolu 22) kif ukoll l-aċċess ġust u non-diskriminatorju għan-netwerk (l-Artikolu 23).

Setgħat u kompetenzi addizzjonali għall-awtoritajiet regolatorji nżiedu fl-Artikolu 40(5) sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV. Barra minn hekk, żdied paragrafu ġdid mal-Artikolu 7 rigward kooperazzjoni reġjonali f'dak li jikkonċerna l-ITOs. Fl-aħħarnett, l-Artikolu 51 dwar ir-rappurtar jipprevedi fil-paragrafi 3 sa 5 li bħala parti minn reviżjoni ġenerali, il-Kummissjoni ser tivvaluta l-implimentazzjoni tal-alternattiva tal-ITO b'paragun ma' ċerti kriterji sentejn wara d-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva.

Id-dispożizzjonijiet tal-ITO tal-Pożizzjoni Komuni jimmiraw li jinkiseb bilanċ bejn it-tħassib rigward il-kamp tal-applikazzjoni, l-iskeda taż-żmien u l-infurzabbiltà tal-alternattiva tal-ITO u l-preservazzjoni tal-interess finanzjarju tal-VIU u li jinżamm vijabbli. Dak hu wieħed mir-raġunijiet għalfejn il-Kunsill ma kkunsidrax li kien adatt li jintroduċi dispożizzjonijiet dwar it-trustee.

Bil-għan li jittieħed kont tal-każijiet fejn hemm arranġamenti fis-seħħ għas-sistema ta' trasmissjoni li tappartjeni għall-VIU li jiggarantixxu indipendenza aktar effettiva tat-TSO mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV, ġiet introdotta dispożizzjoni addizzjonali fl-Artikolu 9(9).

b) *Kondizzjonijiet indaqs*

B'rabta mal-preżenza futura ta' tliet mudelli differenti ta' separazzjoni fis-suq Komunitarju hemm l-introduzzjoni ta' 'l hekk imsejħa klawsola dwar il-kondizzjonijiet indaqs fl-Artikolu 46, flimkien mal-premessa 17 korrispondenti. Notevolment, din tagħti numru ta' kriterji għal miżuri li l-Istati Membri għandhom possibbiltà li jieħdu sabiex jiżguraw kondizzjonijiet indaqs.

c) *Ċertifikazzjoni tat-TSOs tal-Komunità u ta' pajjiżi terzi*

Il-Pożizzjoni Komuni għandha żewġ Artikoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tat-TSOs: waħda ġenerali (l-Artikolu 10), u waħda dwar iċ-ċertifikazzjoni rigward pajjiżi terzi (l-Artikolu 11) li ssostitwixxa l-Artikolu 7a tal-proposta tal-Kummissjoni. Minn naħa waħda, l-Artikolu 11 jiżgura li TSOs ta' pajjiżi terzi għandhom jirrispettaw l-istess regoli ta' separazzjoni bħat-TSOs Komunitarji; minn naħa l-oħra, jintroduċi l-kriterju tas-sigurtà tal-provvista ta' enerġija tal-Istati Membri u l-Komunità li tiegħu jrid jittieħed kont meta tingħata ċ-ċertifikazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kunsill ikkunsidra li kien adegwat li l-parti tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni li tistabbilixxi r-rwol tal-Kummissjoni f'din il-proċedura tiġi trasferita għall-Artikolu 3 l-ġdid tar-Regolament dwar il-gass. Minbarra dan, id-deċiżjoni prinċipali dwar iċ-ċertifikazzjoni ser tibqa' mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali filwaqt li l-Kummissjoni hi mitluba tagħti l-opinjoni tagħha dwar iċ-ċertifikazzjoni. Ir-regolaturi nazzjonali jridu jieħdu kont sħiħ ta' dik l-opinjoni.

d) *Awtoritajiet regolatorji*

Il-Kunsill introduċa żewġ paragrafi addizzjonali għall-Artikolu 38 li jiżguraw li l-prinċipju ta' regolatur uniku fil-livell nazzjonali flimkien ma' rapreżentazzjoni unika (eż. fl-Aġenzija) huwa kompatibbli mal-eżistenza attwali f'xi Stati Membri ta' regolaturi fil-livell reġjonali jew għal partijiet żgħar u iżolati tat-territorju (l-Artikolu 38(2+3)).

Filwaqt li tiġi żgurata l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, it-test tal-Pożizzjoni Komuni jiċċara wkoll li dan ma jfissirx li r-regolaturi huma ħielsa mill-kontroll ġudizzjarju jew mis-superviżjoni parlamentari (il-premessa 26) jew li jistgħu jiġu injorati objettivi usa' eż. dwar is-sostenibbiltà ambjentali jew dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku (l-Artikolu 38(4)).

Il-Pożizzjoni Komuni tiżgura wkoll li, fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, ir-regolaturi jkollhom il-possibbiltà li, fejn hu rilevanti, jaġixxu f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn, bħal dawk tal-kompetizzjoni, filwaqt li jippreservaw l-indipendenza tagħhom u mingħajr ma jiddupplikaw il-kompiti (eż. il-monitoraġġ) li normalment jitwettqu minn awtoritajiet oħrajn (l-Artikolu 40(2)).

e) *Reġim regolatorju għal kwistjonijiet transkonfinali*

Għal raġunijiet legali, il-paragrafi li jistabbilixxu r-rwol tal-Aġenzija (il-paragrafi 3 u 4 (parzjalment) tal-Artikolu 41) ġew trasferiti għar-Regolament dwar l-Aġenzija (l-Artikolu 8 il-ġdid). L-Aġenzija ser tkun involuta fi kwistjonijiet transkonfinali bħala l-aħħar għażla, fuq talba tar-regolaturi nazzjonali jew jekk ir-regolaturi nazzjonali ma jilħqux qbil f'ċertu skeda ta' żmien.

f) *Eżenzjonijiet mill-infrastruttura l-ġdida*

Rigward l-għoti ta' eżenzjonijiet għall-infrastruttura transkonfinali l-ġdida (l-Artikolu 35), il-Kunsill ikkunsidra li kien adegwat li jinvolvi lill-Aġenzija biss f'dawk il-każijiet fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati ma jaqblux jew jippreżentaw talba konġunta lill-Aġenzija (il-paragrafu 4). Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikollhom il-possibbiltà li, jekk jixtiequ, jipprevedu li d-deċiżjoni *formali* dwar l-eżenzjoni titħeġġed minn korp rilevanti ieħor tal-Istat Membru, abbażi tal-opinjoni tar-regolatur (il-paragrafu 6).

g) *Swieq ta' bejgħ bl-imnut:*

Il-Kunsill ikkunsidra li kien adegwat li jerġa' jfassal l-Artikolu dwar is-swieq ta' bejgħ bl-imnut, billi fost l-oħrajn ineħħi r-riferiment transkonfinali, u jitrasferih mir-Regolament dwar il-gass (l-Artikolu 8a tal-proposta tal-Kummissjoni) għad-Direttiva (l-Artikolu 44 il-ġdid).

h) *Derogi*

Fid-dawl tar-riformulazzjoni, il-Kunsill ikkunsidra li kien jixraq li l-Artikolu 48 jiġi aġġornat, b'mod partikolari fir-rigward tad-deroga mid-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni għall-Istati Membri bi swieq emerġenti jew iżolati.

i) *Punti oħrajn:*

— Il-Kunsill ikkunsidra li kien jixraq li ma jeskludix is-*sehem minoritarju* tal-produttur/fornitur f'TSOs bi proprjetà separata sakemm dan ma jkun jinvolvi l-ebda kontroll jew influwenza ta' wieħed fuq l-ieħor u ma jistax iwassal għal konflitt ta' interessi (l-Artikolu 9(2)).

— Rigward l-*appartenenza pubblika*, il-Pożizzjoni Komuni fiha l-possibbiltà li s-separazzjoni tal-appartenenza tinkiseb minn żewġ korpi pubbliċi separati permezz ta' dispożizzjoni li tirrikonoxxi li żewġ korpi pubbliċi distinti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala żewġ persuni għall-fini tal-implimentazzjoni tas-separazzjoni tal-appartenenza (l-Artikolu 9(6)).

— Saru xi bidliet tekniċi fl-abbozzar biex tiġi ċċarata d-dispożizzjoni dwar l-*operaturi* kkombinati (l-Artikolu 28). Din id-dispożizzjoni tippermetti operatur ikkombinat jista' jiġi operat, alternattivament, jew bħala operatur ta' separazzjoni ta' appartenenza, jew bħala Operatur indipendenti tas-Sistema jew bħala Operatur Indipendenti tat-Trasmissjoni.

— Il-premessa 29 tintroduċi u tispjega l-kunċett *ta' programmi ta' rilaxx ta' gass* bħala waħda mill-miżuri li jippromwovu l-kompetizzjoni effettiva.

— Fl-aħħarnett, f'konformità mal-format riformulat, il-Kunsill introduċa Artikolu ġdid biex *jirrevoka* l-att leġislattiv attwali (l-Artikolu 52).